# Is-Sewwa ta' l-Evangelju



*Gabra ta' versi mill-Iskrittura dwar il-fidi u l-hajja Kristjana. J'Alla lkoll naghrfu li KRISTU HU KOLLOX: sabiex nafdaw is-salvazzjoni taghna f'idejh; u nibnu hajjitna fuqu, il-Blata taghna.*


1. Is-Sewwa ta' l-Evangelju
2. Gesu'
3. Bil-Grazzja permezz tal-Fidi
4. Pietru
5. Pawlu
6. Nobdu lil Gesu'


## 1. Is-Sewwa ta' l-Evangelju

- Ghandna **nzidu** jew **innaqqsu** mill-Iskrittura?

La **zzidu** xejn ma' dak li qieghed nikkmandakom, u la **tnaqqsu** xejn minnu. Dewteronomju 4:2.

Taghmlu kif ikkmandakom il-Mulej, Alla taghkom: la **tilwu** lejn il-lemin jew lejn ix-xellug. Dewteronomju 5:32.

Kulma nikkmandakom, qisu li taghmluh: la **zzid** xejn mieghu, u lanqas **tnaqqaslu**. Dewteronomju 12:32; 17:20.

U ma **tilwix** minn xi kliem li qieghed nikkmandak illum, la lejn il-lemin, u lanqas lejn ix-xellug. Dewteronomju 28:14; Gozwe' 1:7, 23:6; 2 Slaten 22:2.

Gosija… ghamel dak li kien sewwa f'ghajnejn il-Mulej… u ma **lewiex** u la lejn il-lemin, u la lejn ix-xellug… ktieb il-ligi… qrah… il-kliem ta' dal-ktieb li nsab: ghax kbir hu ghadab il-Mulej li xeghel ghalina, talli missirijietna ma semghux minn kliem dal-ktieb, biex jaghmlu kulma hu miktub ghalina... l-poplu kollu, sew iz-zghir u sew il-kbir: u qara li jisimghuh il-kliem kollu ta' ktieb il-ghaqda. 2 Slaten 22:1-3, 8, 13 ; 23:2: 2 Kronaki 34:14-21, 29:32.

Hekk tkun Kelmti [t'Alla] li tohrog minn fommi; ma targax lejja **vojta**, izda taghmel dak li joghgobni, u jkollha r-rizq f'dak li Jien bghattha. Isaija 55:11.

- Kif ghandna **nqimu** lil Alla, u **fuq** x'hiex ghandna nimxu wara Gesu'?

Ma ssaqsi xejn fuq l-allat taghhom, billi tghid: Kif kienu dawn il-gnus jaqdu lill-allat taghhom? Jien ukoll naghmel l-istess. La **taghmilx** hekk lill-Mulej, lil Alla tieghek. Dewteronomju 12:30-31.

Dan hu d-dixxiplu li jixhed fuq dawn il-hwejjeg, u **kitibhom**: u nafu li x-xhieda tieghu hi minnha. Gwann 21:24.

Imma tigi s-siegha, u issa hi, meta dawk li jqimu **fis-sewwa** jqimu l-Missier fl-ispirtu u **fis-sewwa**: ghax bhal dawn ifittex il-Missier biex iqimuh. Alla Spirtu: u dawk li jqimuh jahtieg li jqimuh fl-ispirtu u **fis-sewwa**. Gwann 4:23-24.

U **ktibtilkom** dan… **ktibtilkom**… Ghax ghal dan il-ghan ukoll **ktibt** jien. 2 Korintin 2:3-4, 9; 7:8, 12; 13:2, 10.

Issa l-hwejjeg li [Pawlu] **niktbilkom**, ara, quddiem Alla, miniex nigdeb. Galatin 1:20.

Taraw b'liema ittri kbar qieghed **niktbilkom** b'idi [Pawlu]. Galatin 6:11.

Nikbru f'kollox fih, dak li hu **r-ras**, Kristu. Efesin 4:15.

Kristu hu **ras** il-knisja… l-knisja hi **suggetta** ghal Kristu. Efesin 5:23-24.

Billi zzommu **l-Kelma** tal-hajja. Filippin 2:16.

U hu [il-Mulej] **r-ras**… il-knisja… f'kollox ikun l-ewwel. Kolossin 1:18.

Hu [Kristu] li hu **r-ras**… Thallu 'l hadd min… ma jzommx **mar-Ras**. Kolossin 2:10, 18-19.

Ghaggel biex tidher quddiem Alla bhala wiehed ippruvat, haddiem li m'ghandux mniex jisthi, li jqassam bir-reqqa **l-Kelma t'Alla**. 2 Timotju 2:15.

Daqskemm dak li bena d-dar ghandu **izjed** gieh mid-dar… dak li jibni kollox hu **Alla**… Imma Kristu hu bhala iben fuq daru stess; u daru hi ahna. Lhud 3:3-4, 6.

U nitlobkom, huti, ilqghu tajjeb il-kelma ta' tehgig: **ktibtilkom** ittra fi ftit kliem. Lhud 13:22.

Bir-rieda tieghu [Alla] wilidna bil-Kelma **tas-sewwa**, biex inkunu qisna l-ewwel frott tal-hlejjaq tieghu. Gakbu 1:18.

Bhal trabi li ghadhom kemm twieldu, ixxenqu ghall-halib **safi** tal-Kelma, biex tikbru bih. 1 Pietru 2:2.

Qeghdin **niktbulkom** biex il-ferh taghkom ikun shih. 1 Gwann 1:4.

Huti… qieghed **niktbilkom**… qieghed narga' **niktbilkom**… qieghed **niktbilkom**… Qieghed **niktbilkom**… ghax gharaftu 'l Dak li hu mill-bidu. Qieghed **niktbilkom**, zghazagh… qieghed **niktbilkom**… ghax gharaftu 'l Missier. **Ktibtilkom**… ghax gharaftu 'l Dak li hu mill-bidu. **Ktibtilkom**, zghazagh, ghax… l-Kelma t'Alla tghammar fikom… **Ktibtilkom** dawn il-hwejjeg fuq dawk li jqarrqu bikom.1 Gwann 2:7-8, 12-14, 26.

Lill-anglu tal-knisja ta' Efesus **ikteb**… lill-anglu tal-knisja ta' Smirni **ikteb**… lill-anglu tal-knisja ta' Pergamos **ikteb**… lill-anglu tal-knisja ta' Tjatira **ikteb**…

lill-anglu tal-knisja ta' Sardis **ikteb**… lill-anglu tal-knisja ta' Filadelfja **ikteb**… lill-anglu tal-knisja ta' Laodikija **ikteb**. Ir-Rivelazzjoni [bil-Grieg l-Apokalissi] 2:1, 8, 12, 18; 3:1, 3:7, 3:14.

U qal Dak [Alla] li kien qieghed fuq it-tron: Ara, sa ngedded kollox. U qalli: **Ikteb**: ghax dal-kliem hu sgur u veru. Ir-Rivelazzjoni 21:5.

[nota personali: Il-kolonna sserrah fuq il-pedament,

u mhux il-pedament fuq il-kolonna. Ghandna nserrhu fuq il-Kliem ta' Gesu', 'Kull min jigi lejja… ghax kienet mibnija fuq **Blata**' - Luqa 6:47-48. U mhux il-Kitba t'Alla tiddependi fuqna!

'Ghax 'intom il-bini **t'Alla**' - 1 Korintin 3:9.

'Kristu Gesu' Sidna… B'eghruqkom fih, u **mibnijin** fuqu' - Kolossin 2:7.

Jekk ahna rridu naghmlu dak li jghid Gesu' u nkunu tieghu.]

U meta Gakbu, Kefa, u Gwanni, li kienu mizmumin bhala **kolonni**, gharfu l-grazzja li ntghatatli [lil Pawlu], tawni idhom il-leminija, lili u l' Barnaba, biex nixxierku flimkien, halli mmorru ghand il-pagani, u huma ghand ic-cirkoncizi. Galatin 2:9.

Qieghed **niktiblek**… ghandek tkun taf kif ghandek iggib ruhek fid-dar t'Alla, li hi l-knisja t'Alla haj, **il-kolonna** u r-rifda **tas-sewwa**. 1 Timotju 3:14-15.

Min jirbah naghmlu [Gesu' Kristu] **kolonna** fit-tempju t'Alla tieghi, u ma johrogx aktar barra: u nikteb fuqu isem Alla tieghi, u isem il-belt t'Alla tieghi, li hi Gerusalemm il-gdida, li tinzel mis-sema minghand Alla tieghi: u nikteb fuqu l-isem il-gdid tieghi. Ir-Rivelazzjoni 3:12.

[nota personali: Gesu', Pawlu u Pietru kkundannaw it-tradizzjoni, meta kienet kontradittorja mal-Kitba t'Alla.]

Intom twarrbu l-kmandamenti t'Alla u zzommu **t-tradizzjoni** tal-bniedem… U qalilhom: Intom twarrbu ghal kollox il-kmandamenti t'Alla biex izzommu **t-tradizzjoni** taghkom… Billi taghmlu bla siwi l-Kelma t'Alla **bit-tradizzjoni** taghkom, li intom ghallimtu. Mark 7:8-9, 13; Mattew 15:3, 6.

Smajtu x'kienet fl-imghoddi l-imgiba tieghi fir-religjon… kif kont nippersegwita bla qies il-knisja t'Alla, u nharbatha… fir-religjon… billi kont imheggeg ghall-ahhar **ghat-tradizzjonijiet** ta' missirijieti. Galatin 1:13-14.

Araw li hadd ma jhassarkom… skond **it-tradizzjoni** tal-bnedmin. Kolossin 2:8.

Billi tafu li kontu mifdijin mill-hajja fiergha taghkom, li hadtu **bit-tradizzjoni** minn ghand missirijietkom. 1 Pietru 1:18.

[nota personali: It-tradizzjoni mitkellma, ma tkunx kontradittorja mal-Kitba]

U zzommu *t-tradizzjonijiet* tieghi, bhal ma tajthomlkom. 1 Korintin 11:2.

Dawk il-hwejjeg, li **sew** tghallimtu u kemm hadtu, u smajtu, u rajtu fiha, aghmlu. Filippin 4:9

Ghalhekk, huti, zommu shih, u zommu *t-tradizzjonijiet* li tghallimtu, sew bil-kliem, u kemm **bl-ittri** taghna. 2 Tessalonkin 2:15.

Li twarrbu lilkom infuskom minn kull wiehed fostkom li jimxi fil-ghazz, u mhux skond *it-tradizzjoni* li ha minn ghandna. 2 Tessalonkin 3:6.

Zomm tajjeb il-ghamla tal-kliem **shih**, li smajt minghandi. 2 Timotju 1:13.

U l-hwejjeg li smajt minghandi fost **hafna** xhud, ghaddih lil nies fidili, li ghandhom hila jghallmu ohrajn ukoll. 2 Timotju 2:2.

[nota personali: It-tradizzjoni ta' Pawlu: nsibuha fl-Atti ta' l-Appostli; miktub minn Luqa, kif insibu fir-rakkont ta' kif Pawlu gie Malta.]

'Gharfu li l-gzira kien jisimha **Malta**… U xhin **Pawlu**' - Atti 28:1, 3.

[nota personali: It-taghlim miktub ta' Pawlu: nsibuhom fl-ittri tieghu; kif Pietru fil-kitba tieghu, jsemmi l-ittri ta' Pawlu.],

'**Pawlu**… Bhal ma ghamel fl-epistoli **kollha** tieghu'- 2 Pietru 3:15-16.

[nota personali: Pawlu jikteb li dak li jghid, ma jikkontradixxix dak li jikteb.]

'**sehh** bija x-xandir ta' l-evangelju ta' Gesu' - Rumani 15:19.

'bhal ma nghallem **kullimkien f'kull** knisja' - 1 Korintin 4:17.

‘Ha jimxi hekk **kulhadd**. U hekk nordna fil-knejjes **kollha**’ - 1 Korintin 7:17. ‘Ghalhekk sewwa jekk kont jien, sewwa jekk kienu huma, **hekk** inxandru ahna; u **hekk** intom emmintu’ - 1 Korintin 15:11. ‘Aghmlu intom **ukoll** kif ordnajt jien **lill-knejjes**’ - 1 Korintin 16:1.

‘Bhal ma **ghidna** qabel, hekk narga’ **ntenni** issa.’ - Galatin 1:9.

‘nghidilkom minn **qabel**, bhal ma ghidtilkom **ukoll** fl-imghoddi.’ - Galatin 5:21

‘Li niktbilkom **l-istess hwejjeg**’ - Filippin 3:1.

[nota personali: Kif ghallem u kiteb Luqa, anki dwar l-istess Pawlu.]

‘Illi **niktiblek** haga wara l-ohra, o wisq eccellenti Teofilu, Biex taghraf is-sewwa ta’ dawk il-hwejjeg, li fihom int kont **imghallem**’ - Luqa 1:3-4.

‘Ma’ Pawlu… U maghhom **kitbulhom** ittri hekk… Ghalhekk bghatna… li jghidulkom ukoll **l-istess** kliem bil-fomm’ - Atti 15:22-23, 27. ‘ma zammejt **xejn** lura minn dak li sata’ jkun ta’ fejda ghalikom, izda wrejtkom, u ghallimtkom fil-berah, **u** minn dar ghal dar… Jien (Pawlu) ma **bqajtx** lura li nxandrilkom il-fehma **kollha** t’Alla… Urejtkom **kollox**’ - Atti 20:20, 27, 35.

- Hemm xi bnedmin li suppost jistghu jinterpretaw l-Iskrittura huma biss, jew l-Iskrittura bhala **Kelma t’Alla** tfisser lilha nfisha kif ghallmuna l-istess appostli?

Tassew nghidilkom: Lil ulied il-bnedmin jinhafru d-dnubiet kollha, u d-dagha kollu li jkunu dghaw; Izda dak li jidghi **bl-Ispirtu s-Santu** qatt ma jkollu mahfra, imma jkun hati ta’ kundanna ghal dejjem. Mark 3:28-29, Mattew 3:28-30, Luqa 12:10.

U dak li **ra** dan xehed, u x-xhieda tieghu hija minnha: u hu jaf li qieghed ighid is-sewwa, biex intom temmnu. Gwann 19:35.

Gesu’… kien ta’ **ordnijiet**… lill-appostli li kien hatar: u li kien uriehom lilu nnifsu haj... b’hafna provi infallibbli, billi **dehrilhom**… u tkellem. Atti 1:1-3.

Imbaghad il-Mulej kellem ‘il Pawlu bil-lejl **f’dehra**, qallu: La tibzax imma tkellem, u la tiskotx. Atti 18:9.

**Tara** l-Gust [il-Mulej], u **tisma’** l-lehen ta’ fommu. Ghax int [Pawlu] tkun xhud tieghu ghall-bnedmin kollha ta’ dak li rajt u smajt. Atti 22:14-15.

Jien Gesu’… ghax ghalhekk jien **dhertlek**, biex naghmlek qaddej, u xhud sew tal-hwejjeg li rajt, u kemm ta’ dawk li fihom ghad **nidhirlek**. Atti 26:15-16.

Mhux bi kliem li jghallem gherf il-bniedem, izda li jghallem **l-Ispirtu s-Santu**. 1 Korintin 2:13.

Ghax jien hadt **minghand** il-Mulej dak li jien ukoll tajtkom. 1 Korintin 11:23.

Jekk xi hadd jahseb li hu profeta, jew bniedem spiritwali, ha jaghraf sewwa li dawk il-hwejjeg li niktbilkom huma **kmandamenti** tal-Mulej. 1 Korintin 14:37.

Ghax l-ewwelnett tajtkom dak li jien ukoll qlajt, kif Kristu… **rajtu** jien ukoll. 1 Korintin 15:3, 8.

Nigi **ghall-vizjonijiet** u **rivelazzjonijiet** tal-Mulej. 2 Korintin 12:1, 7-9; 13:3, 10.

Izda ngharrafkom, huti, li l-Evangelju li kien imxandar minni mhux skond il-bniedem. Ghax jien la hadtu minghand bniedem, u lanqas tghallimtu, imma **bir-rivelazzjoni** ta’ Gesu’ Kristu. Galatin 1:11-12.

U tlajt **b’rivelazzjoni**, u fissirtilhom l-Evangelju li nxandar. Galatin 2:2.

Kif **b'rivelazzjoni** gharrafni l-misteru; [bhal ma ktibt qabel fi ftit kliem, Li bihom, meta taqraw, tistghu tifhmu x'naf jien mill-misteru ta' Kristu,]… bhalma hu **rrivelat** issa **bl-Ispirtu** lill-appostli qaddisa tieghu. Efesin 3:3-5.

Imma bhal ma konna mhollijin minn Alla biex inkunu **fdati** bl-Evangelju, hekk nitkellmu; mhux qisu biex noghgbu lill-bnedmin, izda 'l Alla, li jgarrab qlubna… Meta hadtu l-Kelma t'Alla… ma lqajtuhiex bhala kelma tal-bnedmin, izda bhalma hi tassew, bhala **l-Kelma t'Alla**, li tahdem bis-shih ukoll fikom, intom li temmnu. 1 Tessalonkin 2:4, 13.

Ghax intom tafu xi **kmandamenti** tajniekom permezz ta' Sidna Gesu'… Ghalhekk min ma jilqax dan, ikun ma jilqax mhux bniedem, izda 'l **Alla**, li tana wkoll **l-Ispirtu** mqaddes tieghu… Ghax dan nghidulkom ahna **bil-Kelma tal-Mulej**. 1 Tessalonkin 4:2, 8, 15.

Skond l-Evangelju glorjuz t'Alla l-imbierek, li kien **fdat** lili. 1 Timotju 1:11.

L-Kelma tieghu [t'Alla] permezz tax-xandir, moghti f'idejja [Pawlu] skond **il-kmandament** t'Alla s-Salvatur taghna. Titus 1:3.

Lilhom kien imgharraf, li mhux ghalihom, izda ghalina, kienu jfittxu dawn il-hwejjeg, li issa huma mhabbrin lilkom minn dawk li xandrulkom l-Evangelju **bl-Ispirtu s-Santu** mibghut mis-sema: hwejjeg li l-angli jixtiequ ferm jaraw. 1 Pietru 1:12.

Ghax naf… bhal ma **gharrafni** Sidna Gesu' Kristu… Qabel xejn, kunu afu li l-ebda profezija tal-kitba ma tista' titfisser skond kif jahsibha dak li jkun. Ghax il-profezija ma giet qatt fl-imghoddi bir-rieda tal-bniedem; imma nies qaddisa, mqanqlin **mill-Ispirtu s-Santu**, tkellmu. 2 Pietru 1:14, 20-21.

Biex tiftakru fil-kliem imhabbar minn qabel mill-profeti qaddisa, u **fil-kmandament** taghna l-appostli, li hu dak tal-Mulej u Salvatur… bhalma wkoll huna l-ghaziz Pawlu, bil-gherf **moghti** lilu kitbilkom. 2 Pietru 3:2, 15.

Dak li kien mill-bidu, dak li smajna, dak li **rajna** b'ghajnenja, dak li harisna lejh, u messew idejna, mill-Kelma tal-hajja; [Ghax il-hajja dehret, u ahna rajnieha, u naghtu xhieda, u nhabbrulkom il-hajja ta' dejjem]. 1 Gwann 1-2.

**Ir-Rivelazzjoni** ta' Gesu' Kristu… biex juri lill-qaddejja tieghu. Ir-Rivelazzjoni 1:1.

U qalli : Dal-kliem hu sgur u minnu: u l-Mulej Alla tal-profeti qaddisa baghat l-anglu tieghu biex **igharraf** lill-qaddejja tieghu l-hwejjeg li ghandhom jigru malajr… Jien Gesu' bghatt l-anglu tieghi biex **jixhdilkom** dawn il-hwejjeg fil-knejjes… Min **jixhed** dawn il-hwejjeg ighid: Tassew, nigi dalwaqt. Amen. Iva, ejja, Mulej Gesu'. Ir-Rivelazzjoni 22:6, 16, 20.

- X'jigrilu min jipprova **jqarraq** u **jghawweg** l-Iskrittura?

Imma nwarrbu l-ghemejjel mohbija tal-ghajb, billi ma nimxux bil-hzunija, lanqas nuzaw il-Kelma t'Alla **bil-qerq**. 2 Korintin 4:2.

Biex ma nkunux aktar tfal, imtajrin 'il hawn u 'l hemm, u mehudin minn kull rih ta' taghlim, bil-hjiena tal-bnedmin, u bil-hzunija, biex jinsgu **l-qerq**, li bih lesti biex **iqarrqu**. Efesin 4:14.

U emmnu li s-sabar twil ta' Sidna hu ghas-salvazzjoni taghkom; bhalma wkoll huna l-ghaziz Pawlu, bil-gherf moghti lilu kitbilkom; Bhal ma ghamel fl-epistoli kollha tieghu, fejn jitkellem fuq dawn il-hwejjeg; li fihom hemm **xi** [bil-Grieg tina] hwejjeg tqal biex tifhem, u li dawk li huma neqsin mit-taghlim u mill-qawwa **jghawgu**, bhal ma jaghmlu lill-Iskrittura l-ohra, ghat-telfien taghhom. 2 Pietru 3:15-16.

## **2. Gesu'**

- Min Hu **l-Blata** [bil-Grieg Petra, tfisser gebla li ma ticcaqlaqx]?

Alla l-qawwi… dak li hu r-raghaj u **l-blata**. Genesi 49:24.

Ghax jien inniedi isem il-Mulej: aghtu gieh lil Alla taghna. Hu **l-Blata**; ghemilu perfett… Alla li kien ghamlu… **il-Blata** tal-helsien tieghu… **Il-Blata** li wilditek… Alla li sawrek… **Il-Blata**… l-Mulej… Ghax il-blata taghhom mhix bhal **Blata** taghna. Dewteronomju 32:3-4, 15, 18, 30-31.

U lanqas hemm l-ebda **blata** bhal Alla taghna. 1 Samwel 2:2.

U qal: Il-Mulej hu **l-blata** tieghi, u l-fortizza tieghi, u l-hellies tieghi. 2 Samwel 22:2.

Alla… tkellem, **il-Blata**. 2 Samwel 23:3.

Il-Mulej hu **l-blata** tieghi… Alla tieghi, **il-blata** tieghi. Salmi 18:2.

O Mulej, **blata** tieghi, u hellies tieghi. Salmi 19:14.

Lilek, Mulej, **blata** tieghi, insejjah. Salmi 28:1.

Fik, Mulej, nistkenn; thallini qatt naqa' fil-ghajb: salvani fil-haqq tieghek. Mejjel widintek lejja; ehlisni malajr: kun int **il-blata** qawwija tieghi, fortizza biex issalvani. Ghax int **il-blata** tieghi, u l-fortizza tieghi; ghalhekk f'gieh ismek mexxini, u wrini t-triq. Salmi 31:1-3.

Alla… Hu biss **il-blata** u s-salvazzjoni tieghi; hu l-kenn tieghi; jien ma nkunx imcaqlaq hafna… Alla… Hu biss **il-blata** u s-salvazzjoni tieghi… F'Alla s-salvazzjoni u l-glorja tieghi: **il-blata** qawwija tieghi. Salmi 62:2, 6-7.

Fik, o Mulej… Int weghidt li jien inkun salvat; ghax int **il-blata** u l-fortizza tieghi. Salmi 71:1, 3.

U ftakru li Alla hu **l-blata** taghhom, u Alla l-Gholi l-feddej taghhom. Salmi 78:35.

Hu jsejjahli, jghidli: Int Missieri, Alla tieghi, u **l-blata** tas-salvazzjoni tieghi. Salmi 89:26.

L-Mulej… hu **l-blata** tieghi, u ebda qerq ma jinsab fih. Salmi 92:15.

Izda l-Mulej fortizza ghalija; u Alla tieghi hu **l-blata** tal-kenn tieghi. Salmi 94:22.

Ejjew, ha nghannu lill-Mulej: ha nghajtu bil-ferh **lill-blata** tas-salvazzjoni taghna. Salmi 95:1.

Imbierek il-Mulej, **il-blata** tieghi. Salmi 144:1.

Qaddsu lill-Mulej… U jkun… **blata**. Isaija 8:13-14.

Ittamaw fil-Mulej ghal dejjem: ghax fil-Mulej … ghandna **blata** ta' dejjem. Isaija 26:4.

U jkunilkom ghanja, bhal f'lejl meta jitqaddes ghid; u jkollkom ferh il-qalb, bhal min jimxi bid-daqq tal-flawt, biex imur fuq il-muntanja tal-Mulej, lejn **il-Blata** ta' Izrael. Isaija 30:29.

L-Mulej: harsu lejn **il-blata**. Isaija 51:1.

O Mulej… u int, o **Blata**. Habaqquq 1:12.

Kull min jigi lejja [il-Mulej], u jisma' kliemi, u jaghmilhom, nurikom lil min jixbah. Jixbah lil ragel li bena dar, u haffer 'l isfel, u qieghed is-sisien fuq **il-blat**: u meta tala' l-ilma, il-wied habat bil-qawwa ma' dik id-dar, u ma satax iqanqalha: ghax kienet mibnija fuq **blata**. Luqa 6:47-48; 1 Pietru 2:4, 6-8.

Kif inhu miktub… **blata** ta' tigrif: u kull min jemmen fih m'ghandux mniex jisthi. Rumani 9:33.

Gesu' Kristu… **Blata** ta' tfixkil, ghal dawk li jiggarfu fil-kelma, billi ma jemmnuhiex. 1 Pietru 2:7.

- Kull min hu **gebla** [bil-Grieg Petros, tfisser gebla li ticcaqlaq]?

U hadu ghand Gesu'. U x'hin Gesu' hares lejh, qal: Int Xmun bin Gwanni: int tissejjah Kefa, li jfisser Pietru [bil-Grieg Petros, bl-Ingliz stone, bil-Malti **gebla**]. Gwann 1:42.

U intom ukoll [il-Kristjani], bhala **gebel** haj, intom mibnijin bini spiritwali… b'Gesu' Kristu. 1 Pietru 2:5.

- Inti **xhud** ta' Gesu' Kristu?

Daqskemm **ix-xhieda** ta' Kristu kienet imwettqa fikom. 1 Korintin 1:6.

Li ta xhieda tal-Kelma t'Alla, u **tax-xhieda** ta' Gesu' Kristu, u ta' kulma ra. Ir-Rivelazzjoni 1:2.

Jien Gwanni… kont fil-gzira li jisimha Patmos, minhabba l-Kelma t'Alla, u **x-xhieda** ta' Gesu' Kristu. Ir-Rivelazzjoni 1:9.

Dawk li jharsu l-kmandamenti t'Alla, u ghandhom **ix-xhieda** ta' Gesu' Kristu. Ir-Rivelazzjoni 12:17.

Jien il-qaddej tieghek, u ta' hutek li ghandhom **ix-xhieda** ta' Gesu': ghax **ix-xhieda** ta' Gesu' hi l-ispirtu tal-profezija. Ir-Rivelazzjoni 19:10.

Minhabba **x-xhieda** ta' Gesu', u minhabba l-Kelma t'Alla. Ir-Rivelazzjoni 20:4.

- Inti qieghed **fis-saltna** ta' Gesu'?

Izda dan hu dak li nghad mill-profeta Goel: U jigri **fl-ahhar** jiem, qal Alla, li nsawwab mill-Ispirtu tieghi fuq kull bniedem… Gesu' ta' Nazaret… . Atti 2:16-17, 22.

Issa dawn il-hwejjeg kollha grawlhom b'ezempju: u huma miktubin bhala twiddiba ghalina, ahna li fuqna wasal **it-tmiem** taz-zminijiet. 1 Korintin 10:11.

Waqt li troddu hajr lill-Missier, li ghamilna denji li jkollna sehem tal-wirt tal-qaddisin fid-dawl: Li helisna mill-hakma tad-dlam, u dahhalna **fis-saltna** ta' Ibnu l-mahbub. Kolossin 1:12-13.

Issa l-Ispirtu jghid fi kliem car, li **fl-ahhar** zminijiet x'uhud jitilqu mill-fidi, billi jaghtu widen ghal spirti qarrieqa, u taghlim tad-demonji; Li jghidu haga b'ohra bl-ipokresija; u li ghandhom l-kuxjenza taghhom immarkata b'hadida mikwija; Li ma jridux li jsir zwieg, u jordnaw li ma jittikilx ikel, li Alla halqu biex ikun mehud b'radd il-hajr minn dawk li jemmnu u jaghrfu s-sewwa. 1 Timotju 4:1-3.

Kun af dan ukoll, illi **fl-ahhar** jiem jigi zminijiet imwieghra. Ghax in-nies ikunu jhobbu lilhom infushom, ihobbu l-flus, fahharin, kburin, daghajja, ma jisimghux mill-ginituri, ma jroddux hajr, bla tjieba, Bla qalb, bla hniena, kalunjaturi, bla razan, kefrin, joboghdu lit-tajjeb, Tradituri, bla hsieb, rashom mimlija, ihobbu l-pjaciri aktar milli jhobbu 'l Alla; Ghandhom wiri ta' tjieba, imma jichdu l-qawwa taghha: nies bhal dawn ahrabhom. Ghax bhal dawn huma dawk li jindiehsu fid-djar, u jiehdu fil-jasar nisa bla ghaqal imghobbija bid-dnubiet, mitlufa wara hafna xewqat hziena, Jitghallmu dejjem, u qatt ma jistghu jaslu biex jaghrfu s-sewwa. 2 Timotju 3:1-7.

Alla, li bosta drabi u b'hafna manjieri kellem fl-imghoddi lil missirijietna bil-profeti, F'dawn **l-ahhar** jiem kellimna b'Ibnu, li ghamlu werriet tal-hwejjeg kollha, u li bih ukoll ghamel id-dinjiet. Lhud 1:1-2.

Ghalhekk la darba ahna niksbu **saltna** li ma tistax tkun imhezhza, ha nzommu l-grazzja, li biha nistghu naqdu 'l Alla kif jixraq, bil-gieh u l-biza'. Lhud 12:28.

Kristu… Li tassew kien ippredestinat qabel it-tisjis tad-dinja, izda kien imgharraf f'dawn **l-ahhar** zminijiet ghalikom, Li bih intom temmnu f'Alla. 1 Pietru 1:20-21.

L-ewwel nett, ghandkom tkunu tafu, li **fl-ahhar jiem** jigu nies kollhom tmaqdir, ighixu skond ix-xewqat hziena taghhom. 2 Pietru 3:3.

Imma intom, mahbubin, ftakru fil-kliem li kien imhabbar mill-appostli ta' Sidna Gesu' Kristu; Li kienu jghidulkom li **fl-ahhar** zminijiet ikun hemm nies li jmaqdru, li jimxu max-xewqat hziena taghhom. Guda 1:17-18.

Gesu' Kristu… U ghamilna **slaten** u qassisin ghal Alla u Missieru; lilu glorja u qawwa ghal dejjem ta' dejjem. Amen. Ir-Rivelazzjoni 1:6.

Jien Gwanni, li jien ukoll hukom, u sehibkom fit-tigrib, u **fis-saltna** u fis-sabar ta' Gesu' Kristu. Ir-Rivelazzjoni 1:9.

Ghexu, u **saltnu** ma' Kristu. Ir-Rivelazzjoni 20:4.

- Hemm bzonn li Kristu **jerga'** joffri l-mewt tieghu fuq xi artal tas-sagrificcju?

Aghmlu dan **b'tifkira** tieghi… aghmlu dan, kull darba… **b'tifkira** tieghi. 1 Korintin 11:24-25.

Ghax billi **tbiddel** is-sacerdozju, hemm il-bzonn ta' tibdil ukoll fil-ligi… M'ghandux bzonn [Gesu'] ta' kuljum… joffri sagrificcju… ghal dawk tal-poplu; ghax dan ghamlu **darba**, meta offra lilu nnifsu. Lhud 7:12, 27.

B'demmu stess [ta' Gesu'] dahal **darba ghal dejjem** [bil-Grieg ephapax] fis-santwarju, billi kiseb fidwa **ghal dejjem** ghalina… U kwazi kollox jissaffa bid-demm skond il-ligi; u bla tixrid ta' demm m'hemmx mahfra. Ghalhekk mela kien mehtieg li x-xbihat tal-hwejjeg tas-sema jissaffew b'dawn; izda l-hwejjeg mas-sema nfushom b'sagrificcji **ahjar** minn dawn. Ghax Kristu ma dahalx f'santwarji mahdumin bl-idejn… izda fis-sema stess, biex jidher issa ghalina quddiem Alla: Mhux biex joffri lilu nnifsu bosta drabi… Ghax kieku kien ikollu jbati ta' spiss mit-tisjis tad-dinja: izda issa deher **darba** fl-ahhar taz-zminijiet biex ihassar id-dnub bis-sagrificcju tieghu nnifsu. U bhalma hu maqtugh ghall-bnedmin li jmutu darba biss, izda wara dan isir il-haqq; Hekk Kristu kien offrut **darba** biex jarfa' d-dnubiet ta' hafna; u jidher ghat-tieni darba, mhux biex inehhi d-dnub, imma ghas-salvazzjoni ta' dawk li jistennewh. Lhud 9:12, 22-28.

Ghax b'offerta **wahda** [Gesu' Kristu] ghamel; perfetti **ghal dejjem** lil dawk li huma mqaddsa. U fi dnubiethom u htijiethom ma niftakarx aktar. Issa fejn hemm il-mahfra ta' dawn, **mhemmx** izjed offerti ghad-dnub. Lhud 10:14, 17-18.

Ghax Kristu wkoll **darba** bata ghad-dnubiet, Hu l-gust ghal dawk li mhumiex gusti, biex iressaqna lejn Alla, maqtul fil-gisem, imma mqajjem ghall-hajja fl-Ispirtu. 1 Pietru 3:18.

- Fil-bidu kien hemm min cahad li Gesu' gie **bil-gisem**. Illum sfortunatament hemm min jghid li Gesu' ghandu bzonn jerga' jigi **bil-gisem**, offrut msallab bhala sagrificcju ghal hafna drabi!

Ma kellux Kristu jbati dawn il-hwejjeg, u **jidhol** fil-glorja tieghu? Luqa 24:26.

U qalilhom: Hekk hu miktub, u hekk kien jinhtieg illi Kristu jbati, u li **jqum** mill-imwiet fit-tielet jum. Luqa 24:46.

Alla… ma **jghammarx** f'tempji maghmulin bl-idejn; **Lanqas** hu moqdi minn idejn il-bnedmin. Atti 17:24-25.

Ghax li miet [Kristu], miet **darba** ghad-dnub: imma li haj, haj ghal Alla. Rumani 6:10.

Imma l-haqq li jigi mill-fidi jghid hekk: La **tghidx** f'qalbek: Min jitla' fis-sema? [jigifieri, biex inizzel 'il Kristu minn fuq:] Jew: Min jinzel fil-qiegh? [jigifieri, jtalla' 'l Kristu mill-imwiet]. Rumani 10:6-7.

Ghax ikunu **jsallbu** ghalihom lil Bin Alla mill-gdid, u jwaqqqghuh ghall-ghajb quddiem id-dinja. Lhud 6:6.

Uliedi z-zghar, din hi **l-ahhar** siegha: intom smajtu li ghandu jigi l-antikrist, u issa hawn hafna antikristijiet; minn dan naghrfu li wasslet **l-ahhar** siegha… Min hu giddieb, hlief dak li jichad li Gesu' hu l-Kristu? Dan hu **l-antikrist** [antikrist bil-Grieg tfisser wiehed li jkun kontra Kristu billi jsejjah lilu nnifsu li hu minflok Kristu], li jichad il-Missier u l-Iben. 1 Gwann 2:18-22.

U kull spirtu li ma jistqarrx li Gesu' Kristu gie **bil-gisem** mhux minn Alla: dan hu l-ispirtu ta' l-antikrist, li fuqu smajtu li ghandu jigi; u li diga' qieghed fid-dinja. 1 Gwann 4:3.

Ghax dehru fid-dinja hafna nies qarrieqa, li ma jistqarrux li Gesu' Kristu gie **fil-gisem**: Dan hu qarrieq u antikrist. 2 Gwann 1:7.

- Jista' l-hobz u l-inbid jinbiddlu **fil-gisem** u **d-demm** ta' Gesu'?

U kull wiehed… li jiekol xi **demm**; indawwar wicci kontra min ikun kiel **id-demm**. Levitku 17:10.

Tieklu xejn **bid-demm**. Levitku 19:26.

Biss kun zgur li ma tikolx **id-demm**. Dewteronomju 12:23.

La tidinbux kontra l-Mulej billi tieklu **bid-demm**. 1 Samwel 14:34.

Imma Pietru qal… jien **qatt** ma kilt haga moqzieza jew imniggsa. Atti 10:14.

Imma jien [Pietru] ghidt… **qatt** ma dahal xejn f'fommi moqziez jew imnigges. Atti 11:8.

Izda niktbulhom, biex jitbieghdu… **mid-demm**… Li titbieghdu… **mid-demm**. Atti 15:20, 29.

Ghal dawk il-Gentili li jemmnu, ktibna u qtajna… li jzommu ruhhom lura… **mid-demm**. Atti 21:25.

Iva, ghalkemm gharafna l-Kristu skond **il-gisem**, minn issa 'l quddiem ma naghrfuhx izjed hekk. 2 Korintin 5:16.

- Kull Kristjan, x'sagrificcji joffri waqt l-ewkaristija [bil-Grieg Eukharistia, tfisser **tizzihajr**]?

Imma **nizzuhajr** 'l Alla, li tana r-rebha permezz ta' Sidna Gesu' Kristu. 1 Korintin 15:57.

**Nizzihajr** issa 'l Alla, li dejjem irebbahna fi Kristu. 2 Korintin 2:14.

Tghidu wiehed lil iehor **salmi** [bil-Grieg psalmus, tfisser tghanni bl-arpa], innijiet u ghanjiet spiritwali, tghannu u tghidu **s-salmi** lill-Mulej f'qalbkom; **Troddu l-hajr** dejjem u ta' kollox 'l Alla l-Missier f'isem Sidna Gesu' Kristu. Efesin 5:19-20.

Ha tghammar fikom bil-kotra l-kelma ta' Kristu f'kull gherf; billi tghallmu u twissu lil xulxin **b'salmi**, u innijiet, u ghanjiet spiritwali, u tghannu bil-grazzja f'qalbkom lill-Mulej. Kolossin 3:16.

Hemm xi hadd minkom li jsofri? Ha jitlob. Hemm xi hadd ferhan? Ha jghanni **s-salmi**. Gakbu 5:13.

- Min Hu li **jahfrilna** dnubietna?

Stqarrejtlek dnubi, u l-hazen tieghi jien ma hbejtx. Jien ghidt: Nistqarr htijieti lill-Mulej; u int **hfirtli** l-hazen ta' dnubi. Salmi 32:5.

Ghax int, Sidi… lest biex **tahfer**… ghal dawk li jsejhulek. Salmi 86:5.

Hu [il-Mulej] li **jahfer** dnubietek kollha. Salmi 103:3.

Gesu'; ghax hu **jehles** il-poplu tieghu minn dnubiethom. Mattew 1:21.

Ghax jekk tahfru lill-bnedmin htijiethom, **jahfrilkom** ukoll Missierkom li hu fis-smewwiet. Mattew 6:14; Mark 11:25.

Ghax qieghed **jidghi** hekk dal-bniedem? Min jista' **jahfer** id-dnubiet, hlief Alla wahdu? Luqa 5:21; Mark 2:7; Mattew 9:3.

**Għad-dagħwa**; u għax int, bniedem, tagħmel lilek innifsek Alla. Gwann 10:33.

U kunu qalbkom tajba ma' xulxin, hennu ghal xulxin, u ahfru 'l xulxin, bhal ma **hafrilkom** Alla ghal Kristu. Efesin 4:32.

Issaportu 'l xulxin, u ahfru 'l xulxin, jekk wiehed ghandu xi jghid ma' l-iehor: bhal ma **hafrilkom** ukoll il-Mulej, hekk ukoll aghmlu intom. Kolossin 3:13.

Kemm aktar id-demm ta' Kristu, li permezz ta' l-Ispirtu etern offra lilu nnifsu bla ghajb 'l Alla, **inaddaf** il-kuxjenza taghkom minn ghemejjel mejta, biex taqdu 'l Alla l-haj? Lhud 9:14.

Jekk nistqarru dnubietna, Hu [Gesu' Kristu] fidil u gust biex **jahfrilna** dnubietna, u **jnaddafna** minn kull hazen. 1 Gwann 1:9.

Dnubietkom huma **mahfurin** minhabba ismu [Gesu' Kristu]. 1 Gwann 2:12.

U minghand Gesu' Kristu… l-princep tas-slaten ta' l-art. Lilu li habbna, u li **hasilna** minn dnubietna f'demmu stess. Ir-Rivelazzjoni 1:5.

Haslu lbieshom, u ghamluhom **bojod** fid-demm tal-Haruf. Ir-Rivelazzjoni 7:14.

**3. Bil-Grazzja permezz tal-Fidi**

- Min Hu li jaghtina **l-ghotja tas-salvazzjoni**?

Tal-Mulej **is-salvazzjoni**: fuq il-poplu tieghek il-barka tieghek! Salmi 3:8.

**Is-salvazzjoni** tal-gusti hi mill-Mulej: Hu l-kenn taghhom fi zmien il-ghawg. Salmi 37:39.

Tassew ruhi tistrieh biss f'Alla: minn ghandu tigi **s-salvazzjoni** tieghi. Salmi 62:1.

Ghax tweldilkom illum fil-belt ta' David, **Salvatur**, li hu Kristu l-Mulej. Luqa 2:11.

Kull min ifittex isalva hajtu, jitlifha; u kull min jitlef hajtu, **iharisha**. Luqa 17:33, 9:24; Mattew 16:25, Gwann 12:25.

Ghax bin il-bniedem [Gesu'] gie jfittex u **isalva** dak li kien mitluf. Luqa 19:10, Mattew 18:11.

Dak kollu li jaghtini l-Missier, jigi ghandi; u min jigi ghandi sgur li ma **nitfghux** 'il barra. Gwann 6:37.

Imbaghad ftakart f'kelmet il-Mulej, kif qal: Gwanni tassew ghammed bl-ilma; imma intom titghammdu bl-Ispirtu s-Santu… Alla tahom l-istess **ghotja**, bhal ma ta lilna, li emminna fil-Mulej Gesu' Kristu. Atti 11:16-17, Mattew 3:11, Mark 1:8, Luqa 3:16, Gwann 1:33, Atti 1:5.

L-ministeru, li hadt minghand Sidna Gesu', biex naghti xhieda lill-Evangelju **tal-grazzja** t'Alla. Atti 20:24.

Ghax hlas id-dnub hi l-mewt; izda **l-ghotja** t'Alla hi l-hajja ta' dejjem f'Gesu' Kristu Sidna. Rumani 6:23.

Ma nwarrabx **il-grazzja** t'Alla: ghax jekk il-haqq jigi mill-ligi, mela Kristu miet ghal xejn. Galatin 2:21.

Lilkom, li intom iggustifikati bil-ligi, Kristu sar ma jiswielkom xejn; intom waqajtu **mill-grazzja**. Galatin 5:4.

Imma minhabba dan qlajt **hniena**, biex fija [Pawlu] l-ewwel wiehed Gesu' Kristu juri sabar kbir, bhala ezempju ghal dawk li ghal li gej jemmnu fih ghall-hajja ta' dejjem. 1 Timotju 1:16.

Ma jisirqux, imma juru li huma fidili ghal kollox; biex isebbhu t-taghlim t'Alla **s-Salvatur** taghna f'kollox . Ghax **il-grazzja** t'Alla li ggib is-salvazzjoni dehret lill-bnedmin kollha. Titus 2:10-11.

Ghalhekk jista' [Gesu'] wkoll **isalva** ghal kollox lil dawk li bih jigu ghand Alla. Lhud 7:25.

Hekk tinghatalkom fil-wisa' dahla fis-saltna ta' dejjem ta' Sidna u **Salvatur** taghna Gesu' Kristu. 2 Pietru 1:11.

B'dan dehret l-imhabba t'Alla ghalina, ghax Alla baghat 'l Ibnu l-wahdieni fid-dinja, biex ikollna l-hajja bih. F'dan qieghda l-imhabba: mhux ghax ahna habbejna 'l Alla, imma ghax **Hu** habbna. 1 Gwann 4:9-10.

**Is-salvazzjoni** gejja minn Alla taghna, li qieghed fuq it-tron, u mill-Haruf [Gesu']. Ir-Rivelazzjoni 7:10.

- F'Min irridu **nemmnu**?

Gesu'… qal… La tibzax, **emmen biss**. Mark 5:36.

Gesu'… wiegbu… La tibzax: **biss emmen**… Luqa 8:50.

U din hi r-rieda ta' dak li baghatni, li kull min jara l-Iben, u **jemmen** fih, ikollu l-hajja ta' dejjem: u jien inqajmu fl-ahhar jum. Gwann 6:40.

Ghaliex waqqat jum, li fih ghandu jaghmel haqq mid-dinja fis-sewwa b'dak il-bniedem [Gesu'] li Hu ghazel; u li Bih ta **l-fidi** lill-bnedmin kollha, billi qajmu mill-imwiet. Atti 17:31.

Minn **fidi** ghal **fidi**: bhalma hu miktub: Il-gust ighix **bil-fidi**. Rumani 1:17.

Il-haqq t'Alla li hu **bil-fidi** f'Gesu' Kristu ghal dawk kollha u fuq dawk kollha li **jemmnu**… Biex juri, nghid jien, il-haqq tieghu [t'Alla]: fiz-zmien t'issa: biex ikun gust, u jaghmel gust lil min **jemmen** f'Gesu'… Ghalhekk ahna nzommu li bniedem hu ggustifikat **bil-fidi**… Rumani 3:22, 26, 28.

**Emmen** f'Alla, u dan inghaddlu bhala haqq… **il-fidi** kienet maghduda bhala haqq… Ghalhekk hu **bil-fidi**, biex ikun bi grazzja… Jekk **nemmnu** f'Dak li qajjem 'il Gesu' Mulej taghna mill-mewt; Li ntghata ghal dnubietna, u mqajjem ghall-gustifikazzjoni taghna. Rumani 4:3, 9, 24-25.

L-haqq li jigi **mill-fidi**. Rumani 9:30.

Jekk izzommu f'mohhkom dak li xandartilkom, ghax inkella tkunu **emmintu** ghal xejn. Ghax l-ewwelnett tajtkom dak li jien ukoll qlajt, kif Kristu miet ghal dnubietna skond l-Iskrittura. 1 Korintin 15:2-3.

Ahna ghandna l-istess spirtu ta' **fidi**, skond ma hu miktub: **Emmint**, u ghalhekk tkellimt; ahna wkoll **nemmnu**, u ghalhekk nitkellmu. 2 Korintin 4:13.

La tintrabbtux taht madmad li mhux indaqs ma' dawk li ma **jemmnux**. 2 Korintin 6:14.

Billi nafu li l-bniedem mhux iggustifikat bl-opri tal-ligi, imma **bil-fidi** ta' Gesu' Kristu, ahna wkoll **emminna** f'Gesu' Kristu, biex inkunu ggustifikati **bil-fidi** ta' Kristu, u mhux bl-opri tal-ligi: ghax bl-opri tal-ligi hadd ma jkun iggustifikat. Galatin 2:16.

Bhalma Abraham **emmen** f'Alla, u dan kien maghdud lilu bhala haqq. Galatin 3:6.

Hekk il-ligi kienet il-mexxejja taghna biex tehodna ghand Kristu, biex inkunu iggustifikati **bil-fidi**. Galatin 3:24.

Kristu Gesu' Sidna: li fih ghandna l-hila nersqu b'qalbna qawwija **bil-fidi** li ghandna fih. Efesin 3:12.

U billi ghandi din **il-fidi** qawwija, naf li nibqa' u ndum maghkom ilkoll ghall-ahjar taghkom, u ghall-ferh **tal-fidi** taghkom. Biex il-ferh taghkom joktor izjed f'Gesu' Kristu. Filippin 1:25-26.

Ghas-salvazzjoni permezz tat-taqdis ta' l-Ispirtu u **bil-fidi** tas-sewwa. 2 Tessalonkin 2:13.

Ahna nafdaw f'Alla haj, li hu s-Salvatur tal-bnedmin kollha, u specjalment ta' dawk li **jemmnu**. 1 Timotju 4:10.

Ghax naf [Pawlu] f'min **emmint** [f'Gesu' Kristu]. 2 Timotju 1:12.

Araw, huti, li ma jkunx hemm f'xi hadd minnkom qalb hazina li ma **temminx**, billi titbieghed minn Alla l-haj… U lil min halef li ma jidhlux fil-mistrieh tieghu, hlief lil dawk li ma ridux **jemmnu**? Hekk naraw li ma setghux jidhlu ghax ma **emmnux**. Lhud 3:12, 18-19.

Ghax ahna li **emminna** nidhlu fil-mistrieh. Lhud 4:3.

Issa l-gust jghix **bil-fidi**… min dawk li **jemmnu** fis-salvazzjoni tar-ruh. Lhud 10:38-39.

U sehhet l-Iskrittura li tghid: **Emmen** Abraham lil Alla, u kien maghdud lilu b'haqq: u kien imsejjah Habib Alla. Gakbu 2:23.

Li intom imharsin mis-setgha t'Alla **bil-fidi**, ghas-salvazzjoni… Billi taqilghu l-ghan **tal-fidi** taghkom, is-salvazzjoni ta' ruhkom. 1 Pietru 1:5, 9.

Lil dawk li qalghu **fidi** prezzjuza daqs taghna, permezz tal-haqq t'Alla u ta' Gesu' Kristu Salvatur taghna. 2 Pietru 1:1.

Kull min **jemmen** li Gesu' hu l-Kristu hu mwieled minn Alla… Min hu li jirbah id-dinja hlief min **jemmen** li Gesu' hu Bin Alla? 1 Gwanni 5:1, 5.

Min **jemmen** fl-Iben t'Alla ghandu fih ix-xhieda: min ma jemminnx f'Alla jaghmel lilu giddieb, ghax ma jemminx ix-xhieda li ta Alla ghal Ibnu. U din hi x-xhieda: Alla tana l-hajja ta' dejjem, u din il-hajja hi f'Ibnu. Min ghandu l-Iben ghandu l-hajja; u min m'ghandux l-Iben t'Alla m'ghandux il-hajja. 1 Gwann 10-12.

Imma intom, mahbubin, mibnijin fuq **il-fidi** l-aktar qaddisa taghkom, billi titolbu fl-Ispirtu s-Santu. Guda 1:20.

**4. Pietru**

- Min Hu **l-Appostlu**?

Ghalhekk, huti qaddisa, intom li ghandkom sehem fis-sejha tas-sema, ahsbu fuq **l-Appostlu** u l-Qassis il-Kbir ta' l-istqarrija tal-fidi taghna, Kristu Gesu'. Lhud 3:1.

- Min kienu **l-appostli**?

U malli sebah, sejjah id-dixxipli tieghu [ta' Gesu'] lejh: u ghazel tnax minnhom, li wkoll semmiehom **appostli**; Xmun [li semmieh ukoll Pietru] u Indri huh, u Gakbu u Gwanni, Filippu u Bartilmew, Mattew u Tumas, Gakbu bin Alfew, u Xmun li jghidulu Zelote, U Guda hu Gakbu, u Guda Iskarjota, li kien ukoll traditur. Luqa 6:13-16.

Ghalhekk minn dawn l-irgiel li ssiehbu maghna z-zmien kollu li fih il-Mulej Gesu' dahal u hareg fostna, Ibda mill-maghmudija ta' Gwanni, sa dak in-nhar stess li kien mehud 'il fuq minn maghna, jahtieg li wiehed isir **xiehed** maghna tal-qawmien tieghu. Atti 1:21-22.

Meta **l-apposlti,** Barnaba u Pawlu, semghu dan, carrtu lbieshom, u grew qalb in-nies, ighajtu. Atti 14:14.

Pawlu, qaddej ta' Gesu' Kristu, imsejjah biex ikun **appostlu**, maghzul ghall-Evangelju t'Alla… Li bih ahna hadna l-grazzja u **l-appostolat**, ghall-ubbidjenza tal-fidi fost il-gnus kollha, ghal ismu. Rumani 1:1, 5.

Pawlu, imsejjah biex ikun **appostlu** ta' Gesu' Kristu permezz tar-rieda t'Alla. 1 Korintin 1:1.

Ghax nahseb jien [Pawlu] li lilna **l-appostli**… 1 Korintin 4:9.

Miniex [Pawlu] **appostlu**? Miniex hieles? Ma **rajtx** 'il Gesu' Kristu Sidna?… intom is-sigill ta' **l-appostolat** tieghi fil-Mulej. 1 Korintin 9:1-2.

Pawlu, **appostlu** ta' Gesu' Kristu bir-rieda t'Alla. 2 Korintin 1:1.

Pawlu, **appostlu**, [mhux mill-bnedmin, lanqas permezz tal-bniedem, imma permezz ta' Gesu' Kristu…]… Izda ma rajt 'il hadd aktar **mill-appostli**, barra minn Gakbu hu 'l Mulej. Galatin 1:1, 19.

Pawlu, **appostlu** ta' Gesu' Kristu bir-rieda t'Alla, lill-qaddisin li huma f'Efesus, u lill-fidili fi Kristu Gesu'. Efesin 1:1.

Madankollu jien [Pawlu] hsibt li hu mehtieg li nibaghtilkom 'l Epafroditus, hija, u siehbi fix-xoghol, u siehbi fit-taqbid, izda **l-appostlu** taghkom, u li ghini fil-htigijiet tieghi. Filippin 2:25.

Pawlu, **Appostlu** ta' Gesu' Kristu bir-rieda t'Alla, u Timotju huna. Kolossin 1:1.

Pawlu, u Silvanus, u Timotju, lill-knisja tat-Tessalonkin li hi f'Alla l-Missier u f'Sidna Gesu' Kristu… Ma fittixniex glorja la mill-bnedmin, u lanqas minnkom, jew minghand ohrajn, ghalkemm stajna nqdejna bis-setgha taghna, bhala **l-appostli** ta' Kristu. 1 Tessalonkin 1:1, 2:6.

Pawlu, **appostlu** ta' Gesu' Kristu, bl-ordni t'Alla Salvatur taghna. 1 Timotju 1:1.

Pawlu, **appostlu** ta' Gesu' Kristu bir-rieda t'Alla, skond il-weghda tal-hajja li hi fi Kristu Gesu'. 2 Timotju 1:1.

Pawlu, qaddej t'Alla, u **appostlu** ta' Gesu' Kristu, skond il-fidi tal-mahturin t'Alla, u t-taghrif tas-sewwa li hi skond it-tjieba. Titus 1:1.

Pietru, **appostlu** ta' Gesu' Kristu… 1 Pietru 1:1.

Simghon Pietru, qaddej u **appostlu** ta' Gesu' Kristu. 2 Pietru 1:1.

- Min Hu li **jwettaqna**?

Issa lil dak li ghandu s-setgha **jwettaqkom** skond l-Evangelju tieghi, u x-xandir ta' Gesu' Kristu, skond ir-rivelazzjoni tal-misteru, li nzamm mohbi sa mill-bidu tad-dinja. Imma issa mikxuf, u bil-kitba tal-profeti, skond l-ordni t'Alla ta' dejjem, imgharraf lill-gnus kollha, ghall-ubbidjenza tal-fidi. Rumani 16:25-26.

Issa dak li **wettaqna** maghkom fi Kristu… hu Alla. 1 Korintin 1:21.

U l-Mulej ighinkom biex izzidu u tkattru l-imhabba lejn xulxin, u lejn il-bnedmin kollha, bhal ma ghandna ahna wkoll lejkom: Biex **iwettqilkom** qalbkom bla htija fil-qdusija quddiem Alla Missierna, fil-migja ta' Sidna Gesu' Kristu mal-qaddisin kolla tieghu. 1 Tessalonkin 3:12-13.

Issa Sidna Gesu' Kristu nnifsu, u Alla, Missierna, li habbna, u tana farag ta' dejjem, u tama tajba permezz tal-grazzja, Ifarrgulkom qalbkom, u **jwettqukom** f'kull kelma tajba u ghemil. 2 Tessalonkin 2:16-17.

Imma l-Mulej, li hu fidil, **iwettaqkom**. 2 Tessalonkin 3:3.

Issa Alla tas-sliem… **Iwettaqkom**… b'Gesu' Kristu; li lilu tinghata l-glorja ghal dejjem ta' dejjem. Amen. Lhud 13:20-21.

Imma Alla ta' kull grazzja, li sejhilkom ghall-glorja tieghu ta' dejjem bi Kristu Gesu', wara li tkunu batejtu ftit, **iwettaqkom**, iqawwikom, isahhahkom, u jqeghidkom fuq sisien shah. 1 Pietru 5:10.

- Hemm xi appostlu li wara li gie *mwettaq* minn Gesu', **jwettaq** [bil-Grieg sterizo; bl-Ingliz establish, strengthen] lill-Kristjani aktar mill-ohrajn?

U l-Mulej qal: Xmun, Xmun, ara, Satana xtaq jehodkom, biex igharbilkom bhal qamh: Imma jien tlabt ghalik, biex il-fidi tieghek ma tonqosx: u int meta tikkonverti **wettaq** lil hutek. Luqa 22:31-32.

Pawlu u Barnaba… **Iwettqu** l-erwieh tad-dixxipli, u jhegguhom biex jibqghu fil-fidi. Atti 14:22.

U Guda u Silas, billi kienu profeti huma wkoll, heggu lill-ahwa b'hafna kliem, u **wettquhom**… Pawlu… U qasam is-Sirja u c-Cilicja, **iwettaq** il-knejjes. Atti 15:32, 41.

Pawlu… U wara li ghadda ftit taz-zmien hemm, telaq, u qasam wara xulxin il-pajjiz kollu ta' Galata u l' Frigja, **iwettaq** id-dixxipli kollha. Atti 18:23.

Pawlu qal… Ghax nixtieq hafna li narakom, biex naghtikom xi don spiritwali, biex tkunu **mwettqin**. Rumani 1:11.

U bghatna 'l Timotju, huna, u ministru t'Alla, u sehibna fl-Evangelju ta' Kristu, biex **iwettaqkom**, u jfarragkom fil-fidi taghkom. 1 Tessalonkin 3:2.

Stabru intom ukoll; **wettqu** qlubkom: ghax il-migja tal-Mulej qorbot. Gakbu 5:8.

Ghalhekk jien ma nibqax lura li ma nfakkarkomx dejjem f'dawn il-hwejjeg, ghalkemm intom tafuhom, u intom **imwettqin** f'din il-verita' ta' issa. 2 Pietru 1:12.

- Min jissemma **l-ewwel** tfisser li hu aqwa mill-ohrajn?

Morru mela, u ghallmu l-gnus kollha, u ghammduhom fl-Isem **tal-Missier**, u ta' **l-Iben**, u ta' **l-Ispirtu s-Santu**. Mattew 28:19.

Il-grazzja ta' Sidna **Gesu'** Kristu, u l-imhabba **t'Alla**, u x-xirka ta' **l-Ispirtu s-Santu**, ikunu maghkom ilkoll. Amen. 2 Korintin 13:14.

Ghax tlieta huma dawk li jixhdu fis-smewwiet: **il-Missier**, **il-Kelma** u **l-Ispirtu s-Santu**: u dawn it-tlieta huma wiehed. 1 Gwann 5:7.

U ghazlu tnejn, Guzepp li jghidulu Barsabbas, li kien imlaqqam Gustu, u **Mattija**. U talbu, u qalu: Int, Mulej… uri lil min ghazilt minn dawn it-tnejn, Biex jista' jiehu sehem minn dal-ministeru u appostolat, li minnhom Guda minhabba d-dnub waqa', biex imur ghal postu… **Mattija**… kien mizjud mal-hdax-il appostlu. Atti 1:23-26.

Dehrilna sewwa, migmughin b'fehma wahda, li nibghatulkom rgiel maghzulin mal-mahbubin taghna Barnaba u **Pawlu**. Atti 15:25.

- Hemm xi appostlu li dejjem jissemma **l-ewwel** hu biss fost il-Kristjani?

Issa Filippu kien minn Betsajda, il-belt ta' Indri u ta' **Pietru**. Gwann 1:44.

Kemm jekk Pawlu, jew Apollos, jew **Kefa**. 1 Korintin 3:22.

U meta Gakbu, **Kefa**, u Gwanni… Galatin 2:9.

- Min Hu li ghandu **l-imfietah**?

Jiena [Gesu’ Kristu] hu l-haj, u kont mejjet; u, ara, Jien haj ghal dejjem ta’ dejjem. Amen; u ghandi **l-imfietah** ta’ post il-mejtin u tal-mewt [Gesu’ lil Gwann]. Ir-Rivelazzjoni 1:18.

- Kull min ircieva **l-imfietah** minghand Gesu’ Kristu?

U Jien [Gesu’] lilek [lil Pietru] naghtik **l-imfietah** tas-saltna tas-smewwiet. Mattew 16:19.

U lill-anglu tal-knisja ta’ Filadelfja [Gesu’ lill-Kristjani] ikteb: Dawn il-hwejjeg ighid il-Qaddis, il-Veru, hu li ghandu **l-muftieh** ta’ David, hu li jiftah, u hadd ma jaghlaq: u jaghlaq, u hadd ma jiftah. Ir-Rivelazzjoni 3:7.

- L-Iskrittura tghidlek biex iccedi lil min ghandu **zmien** aktar minnek, b’sens ta’ rispett?

Quddiem dawk li xagharhom bjad tqum, u tweggah wicc **ix-xih**, u tibza’ minn Alla tieghek. Jiena l-Mulej. Levitku 19:32.

Mela hareg Pietru, u dak id-dixxiplu l-iehor, u gew fejn il-qabar. U bdew jigru t-tnejn flimkien: u d-dixxiplu l-iehor ghaddih ‘il Pietru, u wasal l-ewwel hdejn il-qabar. U hu u jitmejjel, u jhares gewwa, ra l-bcejjec ta’ l-ghazel mixhutin; imma ma dahalx. Imbaghad wasal Xmun Pietru li kien warajh, u dahal fil-qabar, u ra l-bcejjec tal-ghazel mixhutin, U l-maktur, li kien fuq rasu, mhux qieghed mal-bcejjec tal-ghazel, izda imkebbeb f’genb ghalih. **Imbaghad** dahal id-dixxiplu l-iehor ukoll, li lahaq l-ewwel hdejn il-qabar, u ra, u emmen. Gwann 20:3-8.

- Hemm xi appostlu li dejjem **jitkellem** hu biss, fost il-Kristjani?

Imbaghad qal **Tumas**, li jghidulu Didimu [it-Tewmi], lil shabu d-dixxipli: Ha mmorru ahna wkoll, biex immutu mieghu [Gesu’]. Gwann 11:16.

Dawn [xi Griegi] mela resqu lejn **Filippu**, li kien minn Bestsajda tal-Galilija, u talbuh, billi qalu: Sinjur, nixtiequ naraw ‘il Gesu’. Gie Filippu u qal ‘l **Indri**: u mbaghad Indri u Filippu qalu ‘l Gesu’. Gwann 12:21-22.

Qallu **Tumas**: Mulej, ma nafux fejn sejjer; u kif nistghu nafu t-triq?… Qallu **Filippu**: Mulej, urina ‘l Missier, u bizzejjed ghalina… Qallu **Guda**, mhux l-Iskarjota: Mulej, kif kien li sejjer turi ruhek lilna, u mhux lid-dinja? Gwann 14:5, 8, 22.

Qatghuha li **Pawlu** u **Barnaba**, u xi ohrajn minnhom, jitilghu Gerusalemm ghand l-appostlu u x-xjuh fuq dil-bicca. U meta waslu Gerusalemm, kienu milqughin mill-knisja, u mill-appostli u x-xjuh, u gharrfuhom kulma ghamel Alla maghhom… U l-appostli u x-xjuh ingemghu biex jaraw fuq dil-haga. U wara li kien hemm **disputa** twila, **Pietru** qam, u qalilhom: Rgiel u ahwa, intom tafu… Imbaghad il-gemgha tan-nies kollha baqghet siekta, u qaghdet tisma’ l’**Barnaba** u l’**Pawlu**, ighidu haga b’haga kemm ghamel Alla mirakli u ghegubijiet bihom fost il-Gentili. U wara li siktu, **Gakbu** wiegeb, billi qal: Rgiel u ahwa, isimghuni… Ghalhekk il-fehma tieghi hi, li ma nhabbtux lil dawk, li min fost il-Gentili jduru lejn Alla: Izda niktbulhom, biex jitbieghdu mit-tingis ta’ l-idoli, u miz-zina, u minn hwejjeg mahnuqa, u mid-demm… Imbaghad ghogob lill-appostli u lix-xjuh, mal-knisja kollha… kitbulhom ittri hekk: l-appostli u x-xjuh, u l-ahwa…

Tawhom id-degrieti, mahrugin mill-appostli u mix-xjuh li kienu Gerusalemm, biex iharsuhom. Atti 15:2, 4, 6-7, 12-13, 19-20, 22-23; 16:4.

- Min kienu **l-ewwel** appostli, wara Gesu’?

U l-ghada raga’ kien hemm wieqaf Gwanni [l-Battista], u **tnejn** mid-dixxipli tieghu; U kif hares lejn Gesu’ Hu u miexi, qal:Ara l-Haruf t’Alla! U **z-zewg** dixxipli semghuh jitkellem, u marru wara Gesu’. Imbaghad dar Gesu’, u rahom gejjin warajh, u qalilhom: X’qeghdin tfittxu? Qalulu: Rabbi [li tfisser, Mghallem] fejn toqghod? Qalilhom: Ejjew u araw. Gew u raw fejn kien joqghod, u dak in-nhar

qaghdu mieghu: ghax kienet madwar l-ghaxar siegha. **Wiehed mit-tnejn** li semghu ‘l Gwanni jitkellem, u mar warajh [wara Gesu’], kien Indri, hu Xmun Pietru. Sab dan l-ewwel lil huh Xmun , u qallu: Sibna l-Messija, li jfisser il-Kristu. Gwann 1:35-41.

- Hemm xi **appostlu** li kien hu biss jaghmel l-aqwa mirakli?

U kienu qeghdin igorru wiehed ragel zopp minn guf ommu… **Pietru**… qabdu minn idu l-leminija, u qajmu: u minnufih riglejh u l-ghadam ta’ l-ghekiesi ssahhu. Atti 3:2, 6-7.

Hekk li kienu jgibu l-morda fit-toroq, u jqeghduhom fuq il-firxa u l-imtierah, biex ghallinqas id-dell ta’ **Pietru**, hu u ghaddej, idellel ‘il xi hadd minnhom. Atti 5:15.

Kien hemm dixxipla jisimha Tabita… mardet, u mietet… **Pietru**… Meta wasal… qaghad gharkubbtejh, u talab… qal: Tabita, qum. U hija fethet ghajnejha… qamet bil-wieqfa... hajja. Atti 9:36-41.

U f’Listre kien hemm wiehed ragel, bla sahha f’riglejh, billi kien ilu zopp minn guf ommu, u qatt ma mexa… **Pawlu**… Qal b’lehen gholi: Qum fuq saqajk, U dak qabez, u mexa. Atti 14:8-10.

U Alla ghamel mirakli qawwija b’idejn **Pawlu**: Hekk li minn gismu kienu jingiebu ghand il-morda imkatar jew fradal, u l-mardijiet kienu jhalluhom, u l-ispirti hziena kienu johorgu minnhom. Atti 19:11-12.

Kien hemm bilqieghda fuq tieqa wiehed zaghzugh jismu Ewtikos… waqa’ isfel mit-tielet pjan, u refghuh mejjet: U **Pawlu** niezel, u xtehet fuqu, u hu u jhaddnu qal… hajtu ghadha fih… U giebu z-zaghzugh haj. Atti 20:9-12.

- Hemm xi appostlu li lilu biss tawh **isem**?

U ‘l Xmun **semmieh** Pietru; U ‘l Gakbu bin Zebedew, u ‘l Gwanni hu Gakbu; **semmiehom** Boanerges, jigifieri, Ulied ir-Raghad. Mark 3:16-17, Mattew 10:2-3, Luqa 6:14-15.

- Hemm xi appostlu li hu biss kellu jsir **sajjied jaqbad** il-bnedmin?

U Gesu’ qal ‘il Xmun: La tibzax; minn issa ‘l quddiem **taqbad** il-bnedmin. Luqa 5:10.

U hu [Gesu’] u miexi ma’ xatt il-bahar tal-Galilija, Gesu’ ra zewgt ahwa, Xmun ighidulu Pietru, u **Indri** huh, inizzlu xibka fil-bahar: ghax kienu sajjieda. u qalilhom: **Ejjew** warajja, u naghmilkom **sajjieda** tal-bnedmin. Mattew 4:18-19, Mark 1:16-17.

- Hemm xi appostlu li hu biss kellu **jithazzem** u **jmut**?

Tassew, tassew nghidlek [Gesu’ lil Pietru]: Meta kont zaghzugh, kont tithazzem, u kont tmur fejn trid: imma meta tixjieh, tiftah idejk, u haddiehor **ihazzmek**, u jiehdok fejn ma tridx. U dan qalu, biex ifisser b’liema **mewt** kellu jigglorifika ‘l Alla. U meta qal dan, qallu: Ejja warajja. Atti 21:18-19.

Hlief li l-Ispirtu s-Santu jixhidli [lil Pawlu] f’kull belt, billi jghid illi ktajjen u ghali jistennewni. Izda xejn min dan ma jdejjaqni lanqas nghodd hajti ghaziza ghalija, biex intemm mixjiti bil-ferh, u l-ministeru, li hadt minghand Sidna Gesu’, biex naghti xhieda lill-Evangelju tal-grazzja t’Alla. Atti 20:23-24.

U meta gie ghandna [Agabus], ha l-hziem ta’ Pawlu, u rabat idejh u saqajh, u qal: Dan ighid l-Ispirtu s-Santu: Ir-ragel li tieghu hu **dal-hziem**, hekk jorbtuh… u jaghtuh f’idejn il-Gentili… Imma Pawlu wiegeb: X’intom taghmlu, tibku u taqsmuli qalbi? Ghax jien imhejji mhux biss li nkun marbut, imma wkoll li **mmut**… ghal isem il-Mulej Gesu’. Atti 21:11, 13.

- Min kien l-appostlu li kiteb fost **l-iktar** kotba Spirati?

Pietru kiteb 2: 1 Pietru u 2 Pietru.

Mattew kiteb 1: Vangelu.

Mark kiteb 1: Vangelu.

Gwann kiteb 4: Vangelu, 1 Gwann, 2 Gwann, 3 Gwann u Rivelazzjoni.

Luqa kiteb 2: Vangelu u Atti.

Guda kiteb 1: Guda.

Gakbu kiteb 1: Gakbu.

Pawlu kiteb 14; Rumani, 1 Korintin, 2 Korintin, Galatin, Efesin, Filippin, Kolossin, 1 Tessalonkin, 2 Tessalonkin, 1 Timotju, 2 Timotju, Titus, Filemon u Lhud.

[nota personali: l-Knisja Kattolika Rumana ma taccettax li l-ittra lill-Lhud hi miktuba minn Pawlu.]

Ghax jien [Pawlu] l-izghar fost l-appostli, li ma jisthoqqlix nissejjah appostlu… Imma bil-grazzja t'Alla jien li jien: u l-grazzja tieghu li ntghatatli ma kenitx ghal xejn; izda thabatt hafna **aktar** minnhom kollha: mhux jien, imma l-grazzja t'Alla li kienet mieghi. 1 Korintin 15:9-10.

- Min kienu **l-ewwel** nies, li Gesu' deher wara li qam?

Malli kien qieghed jisbah fl-ewwel jum tal-gimgha, giet **Marija Maddalena** u **Marija l-ohra**, biex jaraw il-qabar… u huma u sejrin biex ighidu lid-dixxipli tieghu, ara, Gesu' ltaqa' maghhom, u qalilhom: Is-sliem ghalikom. Mattew 28:1, 9; Mark 16:1, 9; Gwann 20:1,11, 16.

**5. Pawlu**

- L-Appostlu Pawlu kien fost **il-Gentili**, **prigunier**, **fil-habs**, **marbut bil-ktajjen**, u kien **Ruma**?

Izda l-Mulej qallu [lil Hananija]: Mur: ghax ghodda mahtura hu dan [Pwalu] ghalija, biex igib ismi quddiem **il-Gentili.** Atti 9:15.

Wara li ntemmew dawn il-hwejjeg, Pawlu haseb fl-ispirtu, meta ghadda mill-Macedonja u mill-Akaja, li jmur sa Gerusalemm, billi qal: Wara li nkun hemm, jahtieg ukoll nara **Ruma**. Atti 19:21.

U wara li [Pawlu] sellmilhom, qal haga haga kulma kien ghamel Alla fost **il-Gentili** bil-ministeru tieghu. Atti 21:19.

U qalli [il-Mulej]: Mur, ghax jien nibaghtek [lil Pawlu] fil-boghod fost **il-Gentili**. Atti 22:21.

U l-lejl ta' wara, il-Mulej qaghad hdejh, u qallu: Qawwi qalbek, Pawlu: ghax bhal ma tajtni xhieda Gerusalemm, hekk ghandek tixhed **Ruma**. Atti 23:11.

Billi nehilsek mill-poplu, u **mill-Gentili**, li ghandhom issa nibghatek… U qal

Pawlu: Nitlob 'l Alla, li mhux int biss, izda dawk kollha li jisimghuni llum, isiru bhal ma ninsab ukoll jien, barra minn dawn **il-ktajjen**. Atti 26:17, 29.

U meta nqaghtet li kellna nsiefru **ghall-Italja**, taw 'il Pawlu u xi prigunieri ohra f'idejn wiehed jismu Guljus, centurjun tal-kumpanija t'Awgustu… U hemm ic-centurjun sab gifen minn Lixandra sejjer **l-Italja**; u ghabbiena [fosthom Pawlu] fuqu… Billi qal [l-anglu t'Alla]: La tibzax, Pawlu; jahtieg li inti tidher quddiem **Cesri:** u, ara, Alla tak lil dawk kollha li qeghdin isiefru mieghek. Atti 27:1, 6, 24.

Fejn sibna l-ahwa, u konna mitlubin nibqghu sebat ijiem ghandhom: u hekk tlaqna [fosthom Pawlu] lejn **Ruma**… U meta wasalna **Ruma**, ic-centurjun ta' l-prigunieri lill-kaptan tal-ghassa: izda Pawlu kien imholli jghix wahdu ma' suldat ghassa tieghu. Atti 28:14, 16.

Lil dawk kollha lil huma **Ruma**, il-mahbubin t'Alla, imsejhin biex ikunu qaddisin: grazzja lilkom… Issa jien [Pawlu] ma rridx li ma tkunux tafu, huti, li bosta drabi ghamilt il-hsieb li nasal sa ghandkom, [imma s'issa kont imfixkel,] biex ikolli xi frott fostkom ukoll, bhalma fost **il-Gentili** l-ohra… Ghalhekk, daqs kemm jigi minni, jien lest li nxandar l-Evangelju lilkom li qeghdin **Ruma** wkoll. Rumani 1:7, 10, 13, 15.

Ghax nghid lilkom Gentili: Bhala appostlu **tal-Gentili**, jien [Pawlu] naghmel gieh lill-ministeru tieghi. Rumani 11:13.

Biex inkun [Pawlu] il-ministru ta' Kristu Gesu' **ghall-Gentili**; billi nahdem bhala ministru ta' l-Evangelju t'Alla, biex **il-Gentili** jkunu sagrificcju li joghgob, imqaddsin bl-Ispirtu s-Santu… Iva, thabatt bil-hegga biex inxandar l-Evangelju, **mhux** fejn isem Kristu kien maghruf, biex ma nibnix fuq il-pedamenti ta' bniedem iehor. Izda bhalma hu miktub: Dawk li lilhom ma kienx imhabbar, jaraw: u dawk li qatt ma semghu, jifhmu. Ghalhekk ukoll jien kont imfixkel wisq li nigi ghandkom. Imma issa… billi ilni hafna snin bix-xewqa li nigi ghandkom; Meta mmur Spanja, nigi ghandkom… nghaddi minn ghandkom ghal Spanja. Rumani 15:16, 20-24, 28.

Izda meta ghogob 'l Alla, li ghazilni minn guf ommi, u sejjahli bil-grazzja tieghu, Biex igharraf fija 'l Ibnu, biex inxanru fost **il-pagani**. Galatin 1:15-16.

Fissirtilhom l-Evangelju li nxandar fost **il-Gentili**… Izda ghall-kuntrarju, meta raw lil lili [Pawlu] nghata l-Evangelju ta' dawk li **ma** kinux cirkoncizi, bhal ma nghata lil Pietru l-Evangelju ta' dawk li kienu cirkoncizi: [Ghax dak li hadem bis-shih f'Pietru ghall-appostolat tac-cirkoncizzjoni, hadem qawwi fija **ghall-Gentili**:] U meta Gakbu, Kefa, u Gwanni… gharfu l-grazzja li ntghatatli, tawni idhom il-leminija, lili u 'l Barnaba, biex nixxierku flimkien, halli mmorru ghand **il-pagani**, u huma ghand ic-cirkoncizi. Galatin 2:2, 7-9.

Ghal dir-raguni jien Pawlu, **il-prigunier** ta' Gesu' Kristu ghalikom **il-Gentili**. Efesin 3:1.

Lili [Pawlu], li jien l-izghar fost il-qaddisin kollha, hi moghtija dil-grazzja, li nxandar fost **il-Gentili** l-ghana bla tarf ta' Kristu. Efesin 3:8.

Jien mela, **il-prigunier** tal-Mulej, nitlobkom bil-hniena li timxu kif jixraq lis-sejha li biha kontu msejhin. Efesin 4:1.

Biex ngharraf il-misteru ta' l-Evangelju, Li tieghu jien [Pawlu] ambaxxatur marbut **bil-ktajjen**: biex nitkellem bla biza', kif jahtiegli nitkellem. Efesin 6:19-20.

Intom ilkoll li kontu msehbin mieghi fil-grazzja tieghi, sew **fil-ktajjen** tieghi, u kemm fid-difiza u t-twettiq ta' l-Evangelju… Ghax **il-ktajjen** tieghi fi Kristu huma maghrufin **fil-pretorju** kollu, u fl-imkejjen l-ohra kollha. U hafna mill-ahwa fil-Mulej, li qawwew qalbhom **bil-ktajjen** tieghi, ghandhom hila aktar biex ixandru l-Kelma bla biza'… **mal-ktajjen** tieghi. Filippin 1: 7, 13-14, 16.

Isellu ghalikom il-qaddisin kollha, l-aktar dawk tad-dar ta' **Cesri**. Filippin 4:22.

Itolbu flimkien ukoll ghalina, biex Alla jifthilna bieb ghal-kelma, halli nxandru l-misteru ta' Kristu, li minhabba fih jien [Pawlu] ukoll **marbut**… Isellu ghalikom Aristarkus siehbi **fil-habs**, u Marku, ulied l-ahwa ma' Barnaba… Isellu ghalikom Luqa, it-tabib il-mahbub, u Demas… Ftakru **fir-rbit** tieghi. Kolossin 4:3, 10, 14, 18.

La tisthix mela taghti xhieda lil Sidna, lanqas minni [Pawlu] **prigunier** tieghu… Ha jaghmel hniena l-Mulej mad-dar ta' Onesiforus; ghax ta' spiss hjieni, u ma stahax **mill-katina** tieghi: Imma, meta kien **Ruma**, fittixni bil-hegga kollha, u sabni. 2 Timotju 1:8, 16-17.

Ghalih [Gesu' Kristu] jien [Pawlu] inbati, bhal wiehed li ghamel id-deni, sahansistra **l-ktajjen**; imma l-Kelma t'Alla, mhix marbuta. 2 Timotju 2:9

Luqa wahdu qieghed mieghi. Hu 'l Marku, u gibu mieghek: ghax jiswieli ghall-ministeru… Madankollu l-Mulej waqaf mieghi, u tani l-qawwa; biex ix-xandir ikun maghruf bija kollu kemm hu, u jisimghu **l-Gentili** kollha. 2 Timotju 4:11, 17.

Pawlu, **prigunier** ta' Gesu' Kristu, u Timotju huna, lil Filemon mahbub taghna, u haddiem sehibna… Aktar irrid, f'gieh l-imhabba, nitolbok bil-hrara, jien, Pawlu x-xih, u issa wkoll **prigunier** ta' Gesu' Kristu…**fil-ktajjen** tieghi… **fil-ktajjen** fejn jien minhabba l-Evangelju… **fil-habs** fi Kristu Gesu'… U Marku, Aristarkus, Demas u Luqa, il-haddiema shabi. Filemon 1:1, 9-10, 13, 23-24.

Ghax intom kellkom hniena minni [Pawlu] meta kont marbut **bil-ktajjen**. Lhud 10:34.

Ftakru f'dawk li huma **l-habs**… Kunu afu li huna Timotju kien mehlus: jekk jigi ma jdumx, nigi narakom mieghu… Dawk li huma **mill-Italja** jsellu ghalikom. Lhud 13:3, 23-24.

- Min kien l-appostlu li ra **l-genna**?

Imma bhalma hu miktub: Hwejjeg li l-ghajn ma ratx, u l-widna ma semghitx, u li ma dahlux f'qalb il-bniedem, Alla hejja ghal dawk li jhobbuh. 1 Korinitin 2:9.

Naf wiehed [Pawlu] fi Kristu li, erbatax-il sena ilu, [jekk fil-gisem, ma nistax nghid; jew barra mill-gisem, ma nistax nghid: Alla jaf;] li kien mahtuf sat-tielet sema. u naf li dal-bniedem [jekk fil-gisem, jew barra l-gisem, ma nistax nghid: Alla jaf;] Kien mahtuf **sal-genna**. 2 Korintin 12:2-4.

## 6. Nobdu lil Gesu'

- Ghandna niehdu ghalina titli li huma **t'Alla** biss?

Alla… il-Mulej… Il-glorja tieghi ma **naghtihiex** lil hadd iehor. Isaija 48:11.

- Min Hu li **jahkem** u **jsaltan bis-setgha** spiritwali fuq **l-art**?

Biex tkun taf li jien il-Mulej f'nofs **l-art**. Esodu 8:22.

Hu l-Mulej li **jahkem** fuqkom! Imhallfin 8:23.

Ghax tal-Mulej is-saltna: hu **jsaltan** fuq il-gnus. Salmi 22:28.

Ghax tweldilna tifel [Gesu']; inghatalna iben: u **s-setgha** tkun fuq spallejh… Isaija 9:6.

Missierna… U la ddahhalniex fit-tigrib, izda ehlisna mid-deni: Ghax tieghek is-saltna, u **s-setgha**, u l-glorja, ghal dejjem. Amen. Mattew 6:13.

Bin il-bniedem ghandu ghandu **s-setgha** fuq l-art. Mark 2:10; Mattew 9:6; Luqa 5:24.

Il-kobor ta' din **is-setgha** tkun t'Alla, u mhux taghna. 2 Korintin 4:7.

U kemm hu tal-ghageb il-kobor **tas-setgha** tieghu [Sidna Gesu' Kristu] ghalina li nemmnu, skond il-hedma **tas-setgha** qawwija tieghu. Efesin 1:19.

Hu [Gesu']… li jzomm il-hwejjeg kollha bil-kelma **tas-setgha** tieghu. Lhud 1:3.

Issa lil dak li jista' jhariskom mit-tigrif, u jqeghidkom bla tebgha quddiem il-prezenza tal-glorja tieghu b'ferh kbir, Lil Alla wahdu gharef Salvatur taghna, tkun glorja, maesta', qawwa u **setgha**, sew issa u kemm ghal dejjem. Amen. Guda 1:24-25.

Int jisthoqqlok, O Mulej, li tilqa' glorja u gieh u **setgha**. Ir-Rivelazzjoni 4:11.

Issa giet is-salvazzjoni, u s-sahha, u s-saltna t'Alla taghna, u **l-hakma** tal-Kristu tieghu. Ir-Rivelazzjoni 12:10.

- Min Hu il-Vigarju [tfisser minflok] **iehor** ta' Kristu?

Qieghed niktbilkom dawn il-hwejjeg… ghandna bhala **avukat** quddiem il-Missier, lil Gesu'. 1 Gwann 2:1.

U jien [Gesu'] nitlob 'il Missier, u hu jaghtikom **Avukat** [bil-Grieg Parakletos] **iehor** [bil-Grieg allos, bhalu ezatt], biex jibqa' maghkom ghal dejjem. Li hu l-Ispirtu tas-sewwa… Imma **l-Avukat**, li hu l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibghat f'ismi, hu jghallimkom kollox, u jfakkarkom kulma ghidtilkom. Gwann 14:16-17, 26.

Imma meta jigi **l-Avukat**, li jiena nibghatilkom minn ghand il-Missier, l-Ispirtu tas-sewwa, li gej mill-Missier, hu jixhed ghalija. Gwann 15:26.

Madankollu jien nghidilkom is-sewwa: Jaqblilkom li jien immur: ghax jekk ma mmurx, **l-Avukat** ma jigix ghandkom; izda jekk immur, nibghatulkom… Imma meta jigi hu, l-Ispirtu tas-sewwa, imexxikom fis-sewwa kollha… u jgharrfikom x'ghandu jigi. Gwann 16:7, 13.

- Min Hu **l-Imhallef** li jaghmel **il-haqq**?

Alla… gholi fil-qawwa, u **fil-haqq**. Gob 37:23.

Ghax il-Mulej **l-imhallef** taghna. Isaija 33:22.

U ordnalna nxandru lill-poplu, u nixhdu li Hu [Gesu'] kien imqabbad… biex ikun **Imhallef** tal-hajjin u tal-mejtin. Atti 10:42.

Ghalhekk, ja bniedem, int min int, m'ghandikx skuza li taghmel haqq: ghax int u taghmel haqq minn haddiehor, tikkundanna lilek innifsek… **il-haqq** gust t'Alla. Rumani 2:1, 5.

Int min int biex taghmel **haqq**?… Imma int ghax taghmel **haqq** min huk?… Ha ma naghmlux mela aktar **haqq** minn xulxin: izda aktarx dan ghandu jkun il-haqq taghkom, li hadd ma jaghmel ebda tfixkil jew tigrib fi triq huh. Rumani 14:4, 10, 13.

Izda dak li jaghmel **haqq** minni Hu l-Mulej. 1 Korintin 4:4.

Nitolbok mela quddiem Alla, u Sidna Gesu' Kristu, li jaghmel **haqq** mill-hajjin u mill-mejtin… Min issa 'l quddiem hemm merfugha ghalija l-kuruna tal-haqq, li l-Mulej, **l-Imhallef** gust, jaghtini f'dak il-jum: u mhux biss lili, izda wkoll lil dawk kollha li jhobbu d-dehra tieghu. 2 Timotju 4:1, 8.

Lejn il-gemgha l-kbira, u l-knisja ta' l-ulied il-kbar, li huma miktubin fis-smewwiet, u lejn Alla **l-Imhallef** ta' kulhadd. Lhud 12:23.

Imma jekk int taghmel haqq… taghmilha ta' mhallef. Wiehed [il-Mulej]… Int min int biex taghmel **haqq** minn iehor? Gakbu 4:11-12.

Il-migja tal-Mulej qorbit… ara, **l-imhallef** wieqaf fil-bieb. Gakbu 5:8-9.

Dak [Alla] li jaghmel **haqq** bis-sewwa. 1 Pietru 2:23.

Imma jkollhom jaghtu kont lil dak li Hu [Alla] mhejji biex jaghmel **haqq** mill-hajjin u l-mejtin. 1 Pietru 4:5.

Mulej Alla li tista' kollox; **tal-haqq** u tas-sewwa huma triqatek. Ir-Rivelazzjoni 15:3.

Ghax qawwi hu l-Mulej Alla li jaghmel **haqq**. Ir-Rivelazzjoni 18:8.

Il-Mulej Alla taghna; Ghax veri u **tal-haqq** huma l-gudizzji tieghu. Ir-Rivelazzjoni 19:2.

- Min Hu **tal-Biza’** bhala sens ta’ rispett?

Wiehed ragel jismu Korneljus… wiehed li **jibza’** minn Alla, hu u daru kollha, li kien jaghmel hafna karita’ mal-poplu, u jitlob ‘l Alla dejjem… wiehed li **jibza’** minn Alla. Atti 10:2, 22.

Imbaghad Pawlu qam, u… qal: Rgiel… u intom li **tibzghu** minn Alla, isimghu… Rgiel u ahwa… u kull min fostna **jibza’** minn Alla. Atti 13:16, 26.

**Ibzghu** minn Alla. 1 Pietru 2:17.

Dawk li ghandhom **il-biza’** ta’ ismek [il-Mulej Alla]. Ir-Rivelazzjoni 11:18.

**Ibzghu** minn Alla, u aghtuh glorja. Ir-Rivelazzjoni 14:7.

Min ma **jibzax** minnek, o Mulej, u min ma jigglorifikax ismek? Ir-Rivelazzjoni 15:4.

Fahhru ‘l Alla taghna, intom ilkoll il-qaddejja tieghu, u intom li **tibzghu** minnu, sew zghar u kemm kbar. Ir-Rivelazzjoni 19:5.

- Min Hu **Missier**, papa’, patri [bil-Latin pater - padre, missier] spiritwali?

Jigglorifikaw lil **Missierkom** li qieghed fis-smewwiet. Mattew 5:16.

Araw li ma taghmlux il-karita’ taghkom quddiem il-bnedmin, biex jarawkom: inkella ma jkollkomx hlas minn **Missierkom** li hu fis-smewwiet. Mattew 6:1.

Jekk intom mela, li intom hziena, tafu kif taghtu ghotjiet tajba lil uliedkom, kemm izjed **Missierkom** li hu fis-smewwiet jaghti hwejjeg tajba lil dawk li jitolbuh? Mattew 7:11.

Hekk ukoll mhix ir-rieda ta’ **Missierkom** li hu fis-smewwiet, li jintilef wiehed minn dawn ic-ckejknin. Mattew 18:14.

- Fit-Testment l-Antik; is-sistema tal-‘qassisin’, kienu jkunu **mizzewgin**?

Ma jihdux **b’marthom** mara zienja, jew imhassra… ghax imqaddes **il-qassis** lil Alla tieghu… u jiehu xebba **b’martu**… imhassra, jew zienja, minn dawn ma jihux: izda jiehu xebba **b’martu** mill-poplu tieghu. Levitku 21:7, 13-14.

**Qassis**… jiehdu **xebba** minn nisel dar Izrael, jew **armla** li tkun **armla** minn **qassis**. Ezekjel 44:22.

Wiehed **qassis** jismu Zakkarija… u **martu**… Elizabet kien isimha… Zakkarija… **martek** Elizabet tilidlek **iben**, u int issemmih Gwanni… **martu** Elizabet tqalet… Issa z-zmien ta’ Elizabet li kellha tehles ghalqilha, u wildet **iben**. Luqa 1:5, 13, 24, 57.

Kien *haten* [missier **il-mara** ta’] Qajfas, li kien **il-qassis** il-kbir. Gwann 18:13.

U kien hemm sebat **itfal** ta’ wiehed Skewas, Lhudi, il-kbir **tal-qassisin**. Atti 19:14.

Pawlu… ghajjat fil-kunsill: Rgiel u ahwa, jien Farizew, **bin** Farizew… U meta t-tifel ta’ **oht** Pawlu sama’ b’din in-nassa taghhom, dahal fil-kastell, u qal ‘il Pawlu. Atti 23:6, 16.

B’dan Gesu’ sar rahan ta’ rabta **ahjar**. Lhud 7:22.

Imma issa qala’ [Gesu’] ministeru tant oghla, daqskemm ukoll Hu l-medjatur ta’ rabta **ahjar**, li kienet mibnija fuq weghdiet **ahjar**. Ghax jekk dik l-ewwel rabta kienet bla ghajb, ma kienx jitfittex imkien ghat-tieni… Meta qal: Rabta **gdida**, qaddem l-ewwel wahda. Issa dak li jithassar u jixjieh wasal biex ighib. Lhud 8:6-7, 13.

Sama jasal zmien **it-tibdil**. Lhud 9:10.

- Min Hu **r-Raghaj**?

Jiena hu **r-raghaj** it-tajjeb: **ir-raghaj** it-tajjeb jaghti hajtu ghan-nghag tieghu… Jiena [Gesu'] hu **r-raghaj** it-tajjeb, u naghraf in-nghag tieghi, u ningharaf minn dawk li huma tieghi. Gwann 10:11, 14.

Sidna Gesu', dak **ir-raghaj il-kbir** tan-nghag. Lhud 13:20.

- Min Hu l-Arcisqof [arci bil-Grieg tfisser kbir, isqof tfisser **ghassies**]?

Ghax kontu bhal nghag mitlufa; imma issa rgajtu lejn ir-Raghaj u **l-Ghassies** ta' ruhkom. 1 Pietru 2:25.

- Hemm xi **isqof**, **raghaj** jew **xih**; jew xi djaknu, li kien fuq haddiehor?

**Min** kont jien [Pietru] biex nieqaf 'l Alla? Atti 11:17.

Ghamlulhom **xjuh** [bil-Grieg presbuteros, bl-Ingliz elders] f'kull knisja. Atti 14:23.

Ghax intom mixtrijin **bi prezz**. 1 Korintin 6:20.

Kontu mixtrijin **bi prezz:** la ssirux ilsiera tal-bnedmin. 1 Korintin 7:23.

Il-jedd niehdu maghna oht, **mara** [bil-Grieg gune, bl-Ingliz wife], bhall-appostli l-ohra, u bhal hut il-Mulej, u Kefa. 1 Korintin 9:5.

U dan minhabba ahwa qarrieqa mdahhlin minn taht, li ndiehsu biex jitkixxfu **l-liberta'** taghna li ghandna fi Kristu Gesu', biex jitfghuna fil-jasar: Li lilhom ma cedejniex li noqoghdu ghalihom, le, lanqas ghal hin wiehed; biex is-sewwa ta' l-Evangelju jibqa' maghkom. Galatin 2:4-5.

Zommu shih mela **fil-liberta'** li biha Kristu helisna, u tergghux tinqabdu fil-madmad tal-jasar. Galatin 5:1.

Pawlu u Timotju, il-qaddejja ta' Gesu' Kristu, lill-qaddisin kollha fi Kristu Gesu' li hemm Filippi, ma' **l-isqfijiet** [bil-Grieg episkopos, bl-Ingliz bishops] u **d-djakni**. Filippin 1:1.

Din kelma vera… Ghalhekk **isqof** [bil-Grieg episkopos, bl-Ingliz bishop] ghandu jkun… ir-ragel ta'**mara** [bil-Grieg gune, bl-Ingliz wife] wahda… Wiehed li jmexxi tajjeb lil daru, li jzomm lil **uliedu** tahtu kif jixraq; [Ghax jekk wiehed ma jafx kif imexxi lil daru, kif jista' jiehu hsieb il-knisja t'Alla?] 1 Timotju 3:1-2, 4-5.

Hekk ukoll **id-djakni**… Hekk ukoll **in-nisa** taghhom… Ha jkunu **d-djakni** lir-rgiel ta' **mara** [bil-Grieg gune, bl-Ingliz wife] wahda, u jmexxu tajjeb lil **uliedhom** u lil darhom. 1 Timotju 3:8, 11-12.

U taghmel **xjuh** [bil-Grieg presbuteros, bl-Ingliz elders] f'kull belt, bhal ma ordnajtlek… ragel ta' **mara** [bil-Grieg gune, bl-Ingliz wife] wahda, ikollu **wlied** li jemmnu… Ghax **isqof** [bil-Grieg episkopos, bl-Ingliz bishop]… ghandu jzomm shih mal-Kelma. Titus 1:5-7, 9.

Lix-xjuh [bil-Grieg presbuteros, bl-Ingliz elders] li hemm fostkom, nitlobhom jien xih **bhalhom**… 1 Pietru 5:1.

**Ktibt** lill-knisja: imma Dijotrefes, li jrid jidher li hu l-kbir fosthom, ma jilqaghniex. 3 Gwann 1:9.

- Ghandna **nilwu rkobbtejjna**, **ninzlu** jew **ninxtehtu** quddiem isqof, raghaj, xih, djaknu jew haddiehor?

Ghax hu miktub: Daqskemm jien haj, ighid il-Mulej, kull irkobba **tiltewa** quddiemi, u kull ilsien jistqarr ‘l Alla. Rumani 14:11.

Minhabba f’hekk **nilwi rkobbtejja** quddiem Missier Sidna Gesu’ Kristu. Efesin 3:14.

Biex ghall-isem ta’ Gesu’ **tiltewa** kull **irkobba**. Filippin 2:10.

Thallu ‘l hadd min jisirqilkom hlaskom b’umilta volontarja u *qima* lejn l-angli, biex jindahal f’dawk il-hwejjeg li ma rax, minfuh mill-frugha ta’ mohh tal-gisem. Kolossin 2:18.

Alla… aghtuh *qima*. Ir-Rivelazzjoni 14:7.

O Mulej… il-gnus kollha jigu u *jqimu* quddiemek. Ir-Rivelazzjoni 15:4.

**Inxtehtu** jaghtu *qima* ‘l Alla li qieghed fuq it-tron, ighidu: Amen; Hallelujah!…

U **nxhett** f’riglejh biex naghtih *qima* [lill-anglu]. U qalli: Ara li ma **taghmilx** dan… aghti *qima* ‘l Alla. Ir-Rivelazzjoni 19:4, 10.

U jien Gwanni rajt dawn il-hwejjeg, u smajthom. U meta rajt u smajt, **inxhett** biex *inqim* f’riglejn l-anglu, li wrieni dawn il-hwejjeg. Imbaghad qalli: Ara li ma **taghmilx** dan: ghax jien il-qaddej tieghek, u ta’ hutek il-profeti, u ta’ dawk li jharsu l-kliem ta’ dal-ktieb: aghti *qima* ‘l Alla. Ir-Rivelazzjoni 22:8-9.

- Min Hu **s-Sacerdot**?

Imma dal-bniedem [Gesu’], ghax jibqa’ ghal dejjem, ghandu **sacerdozju** li ma jista’ jghaddi ghand hadd. Lhud 7:24, 17.

- Min Hu l-Arcipriet [bil-Grieg arci tfisser kbir, priet tfisser prete – qassis], **qassis il-kbir** fit-Testment il-Gdid?

Ghalhekk kien jahtieglu [Gesu’]… biex isir **qassis il-kbir** u hanin u fidil fil-hwejjeg li ghandhom x’jaqsmu m’Alla, biex ihallas ghad-dnubiet tal-poplu. Lhud 2:17.

Hekk ukoll Kristu… isir **qassis il-kbir**… Imsejjah minn Alla bhala **qassis il-kbir**. Lhud 5:5, 10.

Fejn dahal ghalina bhala prekursur, Gesu’, li sar **qassis il-kbir** ghal dejjem. Lhud 6:20.

Gesu’… **qassis il-kbir** bhal dan. Lhud 7:26.

Issa l-qofol ta’ dak li ghidna hu dan: Ghandna bhala **qassis il-kbir**, wiehed [Gesu’]. Lhud 8:1.

Imma Kristu billi gie **qassis il-kbir**… Lhud 9:11.

Gesu’… ghandna **qassis il-kbir** fuq id-dar t’Alla; Ha nersqu b’qalb sinciera bil-milja kollha tal-fidi. Lhud 10:21-22.

- Min hu **sacerdot** [bil-Grieg hiereus] ghal Gesu’ Kristu?

Imma intom gens mahtur, **sacerdozju** rjali, nazzjon qaddis, poplu miksub; biex ixxandru t-tifhir ta’ dak li sejhilkom mid-dlam ghad-dawl tieghu [ta’ Gesu’ Kristu] tal-ghageb. 1 Pietru 2:9.

U ghamiltna ghal Alla taghna slaten u **qassisin**: u ahna nsaltnu fuq l-art. Ir-Rivelazzjoni 5:10.

Imbierek u qaddis hu min ghandu sehem fl-ewwel qawma: fuq dawn it-tieni mewt m’ghandiex setgha, imma jkunu **qassisin** t’Alla u ta’ Kristu, u jsaltnu mieghu elf sena. Ir-Rivelazzjoni 20:6.

- Xi tfisser **thalli kollox** u tigi wara Gesu’?

Wiegeb imbaghad Pietru, u qallu [lil Gesu']: Ara, ahna **hallejna kollox**, u gejna warajk. Mattew 19:27; Mark 10:28; Luqa 18:28.

Gesu' qal… Min ihobb lil missieru jew lil ommu **aktar minni** ma jisthoqqlux ikun tieghi; u min ihobb lil ibnu jew lil bintu **aktar minni** ma jisthoqqlux ikun tieghi. Mattew 10:37.

U wiegeb Gesu': **L-ewwel** fost il-kmandamenti kollha hu: Isma'… Il-Mulej, Alla taghna, hu Mulej wiehed: U int thobb il-Mulej Alla tieghek, b'qalbek kollha, u b'ruhek kollha, u b'dehnek kollu, u b'sahhtek kollha: dan hu **l-ewwel** kmandament. It-tieni hu dan: Hobb il-proxxmu tieghek bhalek innifsek. Mark 12:29-31; Mattew 22:37-39; Luqa 10:27; 1 Gwann 3:23.

- It-taghlim **tal-Farizej** ghadu jezisti?

U ghax tara s-sifja li hemm f'ghajn huk, u ma tarax it-travu li hemm f'ghajnejk stess? Jew kif tghid lil huk: Ha nnehhilek s-sifja min ghajnejk: u, ara, travu qieghed f'ghajnejk? Int, **ipokrita**, nehhi l-ewwel it-travu minn ghajnejk; u mbaghad tara car biex taqla' s-sifja minn ghajn huk. Mattew 7:1, 3-5; Luqa 6:41-42.

La tibzghux minnhom minnhom mela: ghax m'hemm xejn mistur, li ma **jinkixifx**; u mohbi, li ma **jingharafx**. Mattew 10:26; Mark 4:22; Luqa 8:17, 12:2.

Imbaghad Gesu' qalilhom: Araw tajjeb u harsu ruhkom mill-hmira tal-Farizej u tas-Sadduqin… Fehmu mbaghad li ma kienx qalilhom ghall-hmira tal-hobz biex iharsu ruhhom, imma **ghat-taghlim** tal-Farizej u tas-Sadduqin. Mattew 16:6, 12.

Waqt li eluf ta' nies kienu migmughin, hekk li kienu jirfsu lil xulxin, hu [il-Mulej] beda jghid l-ewwel lid-dixxipli tieghu: Harsu ruhkom mill-hmira tal-farizej, li hi **l-ipokresija**. Luqa 12:1.

- Min **hareg** u **nfired** minn Gesu'? Min hareg u nfired minn xi knisja, jew min hareg u nfired mit-taghlim ta' Gesu'?

Min mhux mieghi [ma' Gesu'] hu **kontra** tieghi; u min ma jigborx mieghi **jxerred**. Mattew 12:30, Luqa 11:23.

Izda Pietru u Gwanni wiegbu, u qalulhom: Jekk hux sewwa quddiem Alla li nisimghu **minnkom** aktar milli minn Alla**,** aqtghu intom. Atti 4:19.

Billi smajna, li x'uhud li **hargu** minn fostna habbtukom bil-kliem, u qalbulkom ruhkom. Atti 15:24.

Issa, nitlobkom, huti, ghassulhom lil dawk li qeghdin jikkagunaw firda u tfixkil, **kuntrarju** ghat-taghlim li tghallimtu; u warrbu minnhom. Ghax nies bhal dawn ma jaqdux 'il Sidna Gesu' Kristu. Rumani 16:17-18.

Ghax jahtieg ikun hemm ukoll **firdiet** fostkom, biex dawk li huma tajbin tassew jidhru fostkom. 1 Korintin 11:19.

Jew infittex li noghgob lill-bnedmin? Ghax jekk ghadni rrid noghgob **lill-bnedmin**, miniex qaddej ta' Kristu. Galatin 1:10.

Dawn huma mheggin ghalikom, izda mhux onestament; iva iridu **jifirdukom** minna, biex titheggu ghalihom. Galatin 4:17.

Ma jghallmux taghlim iehor, Lanqas ihabblu rashom bi **hrejjef** u **sensil** bla tarf tan-nisel, li jqanqlu l-glied. 1 Timotju 1:3-4.

Jekk int tfakkar dawn il-hwejjeg lill-ahwa, tkun ministru tajjeb ta' Gesu' Kristu, imrobbi fil-kliem tal-fidi u fit-taghlim tajjeb, li mieghu int zammejt. Izda **hrejjef** li jkasbru hwejjeg qaddisa, u **hrejjef** tan-nisa xjuh, m'ghandikx xi tridhom; tharreg aktarx fit-tjieba. 1 Timotju 4:6-7.

Jekk xi hadd ighallem **xort'ohra**, u ma jaqbilx mal-kliem ta' sahha, il-kliem ta' Sidna Gesu' Kristu, u mat-taghlim li hu skond it-tjieba; Hu mimli bih innifsu, ma jaf xejn, izda mitluf wara kwistjonijiet u glied fuq kliem, li minnhom tigi l-ghira, il-glied, it-taghjir, is-suspetti hziena, Disputi bla tarf ta'nies mohhhom imhassar, u neqsin mis-sewwa, u li jahsbu li l-qliegh hu tjieba: ahrab min-nies bhal dawn. 1 Timotju 6:3-5.

Biex ma jaghtux widen **ghall-hrejjef**… u ghall-kmandamenti **tal-bnedmin**, li jaghtu daharhom lis-sewwa. Titus 1:14.

Imma ahrab kwistjonijiet boloh, u **sensil** tan-nisel, u glied, u tilwim. Titus 3:9.

La tintilfux wara taghlim **iehor** u **barrani**. Lhud 13:9.

Ghax ahna ma mxejniex wara **hrejjef** minsugin bil-hazen, meta gharrafnielkom is-setgha u l-migja ta' Sidna Gesu' Kristu; imma rajna b'ghajnejna l-maesta' tieghu. 2 Pietru 1:16.

Ghax indiehsu xi rgiel li minn zmien qabel kienu miktubin ghal dil-kundanna, nies **bla fidi**… Dawn huma dawk li jgibu l-firda. Guda 1:4, 19.

Dawn **hargu** minn fostna, imma ma **kinux** minn taghna; ghax kieku kienu minn taghna, bla dubju kienu jibqghu maghna: imma dawn **hargu**, biex jidhru li mhux kollha huma taghna. 1 Gwann 2:19.

Huma tad-dinja: ghalhekk jitkellmu skond id-dinja, u d-dinja **tismaghhom**. Ahna t'Alla: min jaghraf 'l Alla jismaghna; min mhux t'Alla ma jismaghniex. Minn dan naghrfu l-ispirtu tas-sewwa, u l-ispirtu tal-ghelt. 1 Gwann 4:5-6.

Jekk xi hadd jigi ghandkom, u ma jgibx dan it-taghlim, la **tilqghuhx**. 2 Gwann 1:10.

Naf l-ghemejjel tieghek, u t-tahbit tieghek, u s-sabar tieghek, u kif ma tiflahx ghall-hziena: u int garrabt lil dawk li jghidu li huma appostli, u **mhumiex**, u sibthom **giddieba**. Ir-Rivelazzjoni 2:2.

- Inti temmen li Gesu' **qam mill-imwiet**?

U billi kienu ghadhom ma jemmnux bil-ferh, u jistaghgbu, qalilhom [Gesu']: Ghandkom hawn xi haga ta' l-ikel? U tawh bicca huta mixwija, u xehda ghasel. Hadhom, u *kiel* quddiemhom… U qalilhom: Hekk hu miktub, u hekk kien jinhtieg illi Kristu jbati, u li **jqum mill-imwiet** fit-tielet jum. Luqa 24:41-43, 46.

Mhux lill-poplu kollu, imma lil xhieda maghzulin minn qabel minn Alla: lilna wkoll, li *kilna* u *xrobna mieghu* wara li **qam mill-imwiet**. Atti 10:41.

- Inti **xxandar** l-Evangelju ta' Gesu'?

L-Evangelju tas-saltna **jixxandar** mad-dinja kollha bhala xhieda. Mattew 24:14.

Resaq Gesu' u kellimhom, billi qal: Kull setgha hi moghtija lili fis-sema u fl-art. Morru mela, u **ghallmu** l-gnus kollha. Mattew 28:18-19.

U qalilhom [Gesu']: Ejjew immorru fl-ibliet l-ohra; biex **inxandar** hemm ukoll: ghax ghal dan gejt. Mark 1:38.

U l-Evangelju ghandu l-ewwel **jixxandar** lill-gnus kollha. Mark 13:10.

Morru fid-dinja kollha, u **xandru** l-Evangelju lil kull mahluq. Mark 16:15.

Min jisma' lilkom jisma' **lili** [il-Mulej]. Luqa 10:16.

L-indiema u l-mahfra tad-dnubiet **tixxandar** f'ismu [Kristu]. Luqa 24:47.

Dak li **jemmen** bih [Gesu'] mhux ikkundannat: izda min ma jemminx hu ga' ikkundannat. Gwann 3:18.

Min jilqa' lil min nibghat **Jien** [il-Mulej], jilqa' lili. Gwann 13:20.

Jiena [Gesu'] d-dielja, intom iz-zragen: Min jibqa' **fija**, u Jiena fih, dan jaghmel hafna frott: ghax minghajri ma tistghu taghmlu xejn. Gwann 15:5.

Lil min tahfru d-dnubiet, **jinhafrulhom**: u lil min izzommuhom, jinzammu. Gwann 20:23.

Dawk mela li kienu xterdu kienu jmorru kullimkien **ixandru** l-kelma. Atti 8:4.

U wara li **xandru** l-Evangelju lil dik il-belt, u ghallmu bosta whud. Atti 14:21.

Ghax ghalkemm **inxandar** l-Evangelju, m'ghandix biex niftahar: ghax il-bzonn igeghilni; iva, jahasra ghalija, jekk ma nxandarx l-Evangelju!… Li meta **nxandar** l-Evangelju, inqis li l-Evangelju jkun bla hlas. 1 Korinitin 9:16, 18.

Biex **inxandar** l-Evangelju ta' Kristu. 2 Korintin 2:12.

Alla, li habbibna mieghu nnifsu b'Gesu' Kristu, u tana l-ministeru tat-tahbib; Jigifieri, Alla kien fi Kristu, u habbeb id-dinja mieghu nnifsu… u qieghed fina **l-kelma** tat-tahbib. Issa mela ahna **ambaxxaturi** ta' Kristu; qisu Alla qieghed jitlobkom bil-hniena permezz taghna: nitolbukom f'gieh Kristu, thabbu ma' Alla. 2 Korintin 5:18-20.

Ghax ahna wasalna sa ghandkom ukoll billi **xandarna** l-Evangelju ta' Kristu… Billi **nxandru** l-Evangelju. 2 Korintin 10:14, 16.

Billi **xandartilkom** l-Evangelju t'Alla b'xejn. 2 Korintin 11:7.

Issa qieghed **ixandar** il-fidi. Galatin 1:23.

Tafu li minhabba marda tal-gisem **xandartilkom** l-ewwel darba l-Evangelju. Galatin 4:13.

S-sewwa hu **f'Gesu'**. Efesin 4:21.

Imma rridkom tifhmu, huti, li dawk il-hwejjeg li grawli swew aktarx **ghax-xandir** ta' l-Evangelju... X'uhud tassew **ixandru** wkoll 'il Kristu… b'rieda tajba… **ixandru** 'l Kristu… bl-imhabba, billi jafu li jien qieghed biex niddefendi l-Evangelju. Filippin 1:12, 15, 17-18.

**Kristu** hu kollox. Kolossin 3:11.

Kellna l-hila f'Alla taghna **nxandrulkom** l-Evangelju t'Alla... waqt li **xandarnielkom** l-Evangelju t'Alla. 1 Tessalonkin 2:2, 9.

X'ikun it-tmiem ta' dawk li ma jisimghux **mill-Evangelju** t'Alla? 1 Pietru 4:17.

U qalli: Inti ghandek targa' **thabbar** quddiem hafna popli, u gnus, u ilsna, u slaten. Ir-Rivelazzjoni 10:11.

- Inti **ragel** jew **mara** li lest/a timxi wara l-Mulej, it-Triq?

U dawk li jemmnu kienu dejjem jizdiedu lill-Mulej, gemghat sew ta' **rgiel** u **nisa**. Atti 5:14.

Iharbat il-knisja, billi kien jidhol f'kull dar, u jkarkar **rgiel** u **nisa**, u jitfaghhom fil-habs… Izda meta emmnu f'Filippu, li kien ixandrilhom hwejjeg li ghandhom x'jaqsmu mas-saltna t'Alla, u l-isem ta' Gesu' Kristu, tghammdu, sew **ir-rgiel** u kemm **in-nisa**. Atti 8:3, 12.

Jekk isib li x'uhud ta' din *it-Triq*, sew **irgiel** u kemm **nisa**, igibhom marbutin. Atti 9:2.

U x'uhud minnhom emmnu, u ssiehbu ma' Pawlu u ma' Silas; kif ukoll gemgha kbira ta' **Griegi** devoti, u hafna **nisa** mill-ewlenin… Ghalhekk hafna minnhom emmnu; ukoll **nisa** maghrufa li kienu Griegi, u **rgiel**, mhux ftit… Izda xi **rgiel** zammew mieghu, u emmnu: fosthom Dijonisju l-arejopagi, u **mara** jisimha Damaris, u ohrajn maghhom. Atti 17:4, 12, 34.

U jien ippersegwitajt ghal mewt din *it-Triq*, norbot u nitfa' fil-habsijiet sew **irgiel** u kemm **nisa**. Atti 22:4.

U ghal tliet xhur thaddet [Pawlu] bla biza', jithaddet u jfiehem fuq il-hwejjeg tas-saltna t'Alla… din *it-Triq*… u kuljum kien jithaddet… U dan gara ghal sentejn; hekk li dawk kollha li kien jghammru fl-Asja, sew Lhud u kemm ukoll Griegi, semghu l-Kelma tal-Mulej Gesu'… fuq *it-Triq*. Atti 19:8-10, 23.

U meta Felic sama' dawn il-hwejjeg, billi kien jaf aktar bir-reqqa fuq *it-Triq*, halliehom ghal darba ohra, u qal: Meta jinzel Lisjas il-kaptan il-kbir, inkun naf kollox fuq dil-bicca taghkom. U qabbad lic-centurjun izomm 'il Pawlu, u jhallih jistrieh, u li ma jichad lil hadd minn tieghu li jaqduh jew jigu ghandu.

Atti 24:22-23.

- Kristu; it-Triq taghna, gholla d-dinjita' **tal-mara** fit-tixrid ta' l-Evangelju?

U morru malajr, u ghidu lid-dixxipli tieghu li qam mill-imwiet; u ara, hu [Gesu'] jmur qabilkom fil-Galilija; hemm tarawh: ara, jien [l-anglu] ghidtilkom. U telqu [**Marija Maddalena** u **Marija l-ohra**] malajr mill-qabar b'biza' u b'ferh kbir: u marru jhabbru lid-dixxipli tieghu… Imbaghad qalilhom Gesu': La tibzghux: morru habbru lil huti biex imorru fil-Galilija, u hemm jarawni. Mattew 28:7-8, 10; Mark 16:7, 10; Luqa 24:9-10, 22-24; Gwann 20:17-18.

**Il-mara** [Samaritana] mbaghad halliet il-garra taghha, u marret il-belt, u qalet lin-nies [dwar Gesu']. Gwann 4:28.

U wiehed Lhudi jismu Apollos, imwieled Lixandra, ragel hafif ghall-kliem, u qawwi fl-Iskrittura, gie Efesus. Dar-ragel kien imghallem *fit-Triq* tal-Mulej; u billi kien imheggeg fl-ispirtu, kien jitkellem u jghallem bir-reqqa l-hwejjeg tal-Mulej… U qabad jitkellem bla biza'… u meta **Priskilla** u Akwila semghuh, haduh ghandhom, u fissrulu aktar bir-reqqa *t-Triq* t'Alla. Atti 18:24-26.

U lilek ukoll, sieheb fidil, nitolbok tghin lil dawk **in-nisa** li thabtu mieghi [Pawlu] fix-xandir ta' l-Evangelju. Filippin 4:3.

- Kristu gholla d-dinjita' ta' min **jahdem**?

Ghax **il-haddiem** jisthoqqlu iklu. Mattew 10:10.

Ghax **il-haddiem** jisthoqqlu hlasu. Luqa 10:7.

U intom, sjied, aghmlu l-istess **maghhom**, hallikom mit-tehdid: kunu afu li Sidkom ukoll hu fis-sema: u ma jhares lejn wicc hadd. Efesin 6:9.

Sjieda, aghtu **lill-qaddejja** taghkom dak li hu gust u sewwa; billi tafu li intom ukoll ghandkom Sid fis-sema. Kolossin 4:1.

U, Haqqu hlasu **l-haddiem**. 1 Timotju 5:18.

- Ittama **fil-Genna** ta' Gesu!

Fit-tama tal-hajja ta' **dejjem**, li Alla, li ma jistax jigdeb, wieghed qabel ma bdiet id-dinja. Titus 1:2.

**Gesu'**… biex id-dinja tkun salvata bih. Gwann 3:17.

Ghalhekk qallu Pilatu: Mela int sultan? Gesu' wiegeb: Int tghid li jien sultan. Jien twelidt ghalhekk, u ghalhekk gejt fid-dinja, biex nixhed lis-sewwa. Kull min hu mis-sewwa jisma' **lehni**. Gwann 18:37.

U ma tafx li t-tjieba **t'Alla** tmexxik ghall-indiema? Rumani 2:4.

**Alla** s-Salvatur taghna; Li jrid il-bnedmin kollha jsalvaw, u jaslu ghall-gharfa tas-sewwa. 1 Timotju 2:3-4.

**Il-Mulej**… jistabar ghal zmien twil maghna, ghax ma jridx li x'uhud jintilfu, imma li lkoll jaslu ghall-indiema. 2 Pietru 3:9.

Ara, jien [Gesu' Kristu] qieghed fil-bieb, u nhabbat: jekk xi hadd jisma' **lehni**, u jiftah il-bieb, nidhol ghandu. Ir-Rivelazzjoni 3:20.

Ma jkollhom qatt aktar guh, u lanqas ghatx; u la tiddi fuqhom ix-xemx, u lanqas ebda shana tikwi. Ghax il-Haruf li hu f'nofs it-tron jirghahom, u jmexxihom lejn eghjun hajjin ta' **ilmijie**t: u Alla jimsah id-dmugh kollu minn ghajnejhom. Ir-Rivelazzjoni 7:16-17.

U jimsah Alla kull demgha minn ghajnejhom; u ma jkunx hemmx izjed mewt, u la ghali, u la biki, u lanqas ugigh izjed: ghax ghabu l-hwejjeg ta' qabel… U qalli [Alla]: Sehhu. Jien l-Alfa u l-Omega, il-bidu u t-tmiem. Lil min hu bil-ghatx naghtih jixrob b'xejn mill-ghajn ta' **l-ilma** tal-hajja. Ir-Rivelazzjoni 21:4, 6.

U wrieni xmara safja ta' **ilma** tal-hajja, car daqs il-kristall, hierga mit-tron t'Alla u tal-Haruf… Jien l-Alfa u l-Omega, il-bidu u t-tmiem, l-ewwel u l-ahhar… U ha jigi min hu bil-ghatx. U kull min irid, ha jiehu **l-ilma** tal-hajja b'xejn. Ir-Rivelazzjoni 22:1, 13, 17.

---

Miktub minn Renald Williams.
Jekk tixtieq aktar letteratura Kristjana,
ibghat SMS lil Renald fuq 79280325;
jew zur dawn il-websites:
www.tecmalta.org/malti.htm
www.justforcatholics.org/malti.htm

---